REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2147

tat-28 ta' Novembru 2019

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 9(1)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([3]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(i), l-Artikolu 12(1), (4) u (5), l-Artikolu 13(2), u l-Artikoli 15, 16, 17 u 19 tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 91/496/KEE jipprevedi li biex jgħaddu bi tranżitu minn pajjiż terz għal pajjiż terz ieħor jew għall-istess pajjiż terz, l-annimali joffru garanzija ta' saħħa tal-UE rikonoxxuta li tkun tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti għall-kummerċ intern tal-UE ta' dawn l-annimali.

(2) L-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 92/65/KEE jipprevedi li jenħtieġ li l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni jiġu awtorizzati biss meta dawn il-prodotti ġerminali jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi elenkati u minn ċentri tal-ġbir u tal-ħżin approvati jew mingħand gruppi għall-ġbir jew għall-produzzjoni tal-embrijuni li joffru garanziji li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness D(I) ta' dik id-Direttiva.

(3) Id-Direttiva 2009/156/KE tistipula r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw l-importazzjoni tal-ekwidi fl-Unjoni. Din tipprevedi li jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni biss dawk l-ekwidi li jiġu mill-pajjiżi terzi jew mit-territorji ta' pajjiżi terzi li huma elenkati f'lista kkumpilata skont dik id-Direttiva.

(4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 ([4]) jistipula l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni tal-ekwidi u jistabbilixxi l-lista tal-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw id-dħul ta' ekwidi u tas-semen, l-ova u l-embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina, kif ukoll il-kundizzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja u tas-saħħa tal-annimali għal dan id-dħul.

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jistabbilixxi wkoll il-proċeduri għall-konverżjoni ta' dħul temporanju fi dħul permanenti li jirrikjedu diversi entrati fil-Parti III tad-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (CVED) fit-TRACES biex jintemm l-istatus tad-dħul temporanju. Madankollu, il-possibbiltà li wieħed idaħħal diversi entrati fil-Parti III tas-CVED li hu meħtieġ biex titwettaq il-proċedura deskritta fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE)

([1]) ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
([2]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
([3]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659 tat-12 ta' April 2018 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom (ĠU L 110, 30.4.2018, p. 1).

2018/659 ma teżistix fil-verżjoni attwali tat-TRACES u se tingħata biss fid-Dokument Veterinarju Komuni għad-Dħul (is-CHED) li se jiġi implimentat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2017/625 ([5]), li jibda japplika fl-14 ta' Diċembru 2019, fil-qafas tal-iżvilupp tas-sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (l-IMSOC). Għaldaqstant jeħtieġ li l-applikazzjoni tal-Artikolu 19(2)(a) tiġi ddiferita għal dik id-data.

(6) Id-dħul fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ekwina jista' jiġi awtorizzat minn pajjiżi terzi jew minn partijiet tat-territorju ta' pajjiżi terzi li minnhom huwa awtorizzat id-dħul ta' annimali ekwini, dment li l-konsenja tintbagħat minn ċentru approvat tal-ġbir jew tal-ħżin tas-semen elenkat f'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u jkollha magħha ċertifikat tas-saħħa. Mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/659 jidher li d-dħul fl-Unjoni ta' semen minn Barbados, minn Bermuda, mill-Bolivja u mit-Turkija huwa awtorizzat. Iżda dawk il-pajjiżi ma għandhomx ċentri tal-ġbir tas-semen awtorizzati. Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament irid jiġi kkoreġut sabiex ikun jindika li d-dħul fl-Unjoni ta' semen tal-ekwidi minn dawk il-pajjiżi mhuwiex awtorizzat qabel ma jiġi approvat mill-inqas ċentru tal-ġbir tas-semen wieħed.

(7) Il-Qatar ippreżenta d-dokumenti dwar l-approvazzjoni ta' ċentru tal-ġbir tas-semen skont l-Artikolu 17(2)(b)(ii) tad-Direttiva 92/65/KEE, u dan iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġie elenkat fl-10 ta' Marzu 2017 ([6]). Iżda mill-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jidher li l-importazzjoni ta' semen li jinġabar minn żwiemel reġistrati fil-Qatar mhijiex awtorizzata. Għaldaqstant jixraq li l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġi kkoreġut biex ikun jindika li l-importazzjoni ta' semen li jinġabar minn żwiemel reġistrati fil-Qatar hija awtorizzata.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati li jikkonċernaw lil Barbados, lil Bermuda, lill-Bolivja, lit-Turkija u lill-Qatar fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġu kkoreġuti skont dan.

(9) L-iżjed informazzjoni riċenti li waslet mill-Brażil dwar il-glanders turi li ċerti partijiet tat-territorju tal-Brażil ma għadhomx ħielsa mill-glanders. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li jiġi sospiż id-dħul ta' ekwidi u ta' semen, ova u embrijuni tal-annimali tal-ispeċi ekwina mill-partijiet tat-territorju tal-Brażil li ma għadhomx ħielsa mill-glanders.

(10) Wara li l-Unjoni wettqet awditu fil-Messiku ([7]), id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/167/UE ([8]) ssospendiet id-dħul ta' ekwidi, ta' semen, ova u embrijuni tal-ekwidi. Sussegwentement, l-awtoritajiet tal-Messiku pprovdew informazzjoni li tindirizza b'mod xieraq ir-rakkomandazzjonijiet li saru b'riżultat tal-awditu. Għalhekk jixraq li jitħallew jidħlu l-ekwidi reġistrati u l-ekwidi għat-tnissil u l-produzzjoni, kif ukoll is-semen ta' żwiemel reġistrati, minn dawk il-partijiet tat-territorju tal-Messiku li minnhom kien sospiż id-dħul ta' dawn l-oġġetti.

(11) Jeħtieġ li tintuża d-denominazzjoni uffiċjali l-ġdida "il-Maċedonja ta' Fuq".

(12) Jenħtieġ li l-entrata għan-Norveġja titneħħa mill-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/659, biex tiġi riflessa s-sitwazzjoni speċifika tagħha bħala pajjiż taż-Żona Ekonomika Ewropea.

(13) Fil-25 ta' Lulju 2019, il-Kuwajt għarraf lill-Kummissjoni b'żewġ każijiet ta' glanders (*Burkholderia mallei*) fi żwiemel reġistrati li kienu miżmuma fil-kwarantina ta' qabel l-esportazzjoni biex jintbagħtu lejn l-Unjoni. Il-Kuwajt minnufih issospenda l-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' żwiemel reġistrati, u wettaq il-miżuri meħtieġa ta' sorveljanza u kontroll. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi sospiż għal perjodu ta' mill-inqas sitt xhur id-dħul ta' żwiemel reġistrati mill-Kuwajt għall-Unjoni.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

([6]) https://ec.europa.eu/food/animals/semen/equine_en

([7]) http://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit_reports/details.cfm?rep_id=2948

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/167/UE tat-3 ta' April 2013 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tal-entrata tal-Messiku fil-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' *equidae* ħajjin kif ukoll ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina (ĠU L 95, 5.4.2013, p. 19).

(14) Huwa meħtieġ aġġornament tan-noti ta' qiegħ il-paġna fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/659. Għall-fini taċ-ċarezza, jixraq li l-Anness I kollu jiġi sostitwit.

(15) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 ġie kkonsolidat u kkoreġut bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1301 ([9]). Minħabba żball tal-ifformattjar fil-punt II.3.8. fl-Attestat tas-Saħħa u tat-Trattament Xieraq tal-Annimali, il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għad-dħul temporanju fit-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness II fih rekwiżiti aktar stretti rigward l-enċefalite Ġappuniża minn dawk previsti fiċ-ċertifikati tas-saħħa għat-tranżitu u għad-dħul permanenti rispettivament, b'hekk inħolqu restrizzjonijiet tas-saħħa addizzjonali. Dan l-iżball jenħtieġ li jiġi kkoreġut biex ir-rekwiżiti rigward l-enċefalite Ġappuniża jkunu l-istess għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati u għat-tranżitu u d-dħul permanenti tal-ekwidi.

(16) Ir-reġim tat-testijiet għall-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant u tal-Punent fiċ-ċertifikati tas-saħħa fil-Partijiet 1 u 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 ma jqisux tajjeb il-moviment ta' mħar imwielda minn ommijiet seropożittivi, u l-irkupru minn infezzjoni preċedenti, u għaldaqstant jenħtieġ li titneħħa r-referenza għall-infezzjoni preċedenti, u b'hekk ir-referenza għat-tilqim preċedenti bħala kawża ta' serokonverżjoni.

(17) Storikament ma kienx hemm importazzjonijiet ta' ekwidi għall-qatla minn pajjiżi fejn hemm okkorrenza tal-enċefalite Ġappuniża. Billi din il-marda nxterdet f'żoni ġodda, jixraq li jiġu previsti miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju għal din il-marda anki rigward id-dħul ta' konsenji ta' ekwidi għall-qatla. Għalhekk jeħtieġ li ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali stabbilit fit-Taqsima B tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġi emendat skont dan.

(18) Wara li l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (l-OIE) u ċerti pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-OIE bħala uffiċjalment ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel taw l-assigurazzjonijiet tagħhom, ikun raġonevoli li l-kundizzjonijiet għall-kwarantina u għat-testijiet li jridu jissodisfaw iż-żwiemel reġistrati li jidħlu fl-Unjoni minn dawk il-pajjiżi jiġu ssimplifikati. Għalhekk jeħtieġ li ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali stabbilit fil-Parti 1 u fit-Taqsima A tal-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġi emendat skont dan.

(19) Fit-titolu tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati wara l-esportazzjoni temporanja lejn pajjiżi terzi għall-kompetizzjonijiet speċifiċi msemmijin fil-kolonna 16 tat-tabella fl-Anness I, tħalliet barra r-referenza għal sensiela speċifika ta' kompetizzjonijiet (l-LG Global Champions Tour). Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi ċċarat l-ambitu ta' sensiela oħra ta' avvenimenti ekwestri, b'mod partikolari l-"American Games". Għall-fini taċ-ċarezza legali jeħtieġ li l-Kapitolu 1 tat-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġi sostitwit skont dan.

(20) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 jiġi emendat skont dan.

(21) Biex ikun evitat impatt negattiv fuq il-kummerċ, jeħtieġ li jiġi previst perjodu tranżitorju sal-31 ta' Diċembru 2019 li tulu ċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali li nħarġu skont ir-Regolament (UE) 2018/659, kif emendat bir-Regolament (UE) 2018/1301, għandhom jiġu aċċettati dment li jkunu nħarġu qabel it-22 ta' Diċembru 2019.

(22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 24, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, l-Artikolu 16(1)(b)(iii), l-Artikolu 16(2)(b), (c) u (d), l-Artikolu 16(3), l-Artikolu 16(4)(a) u (b), l-Artikolu 16(5), l-Artikolu 17(1)(d) u l-Artikolu 19(2)(a) għandhom japplikaw mill-14 ta' Diċembru 2019.";

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1301 tas-27 ta' Settembru 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659 dwar il-kundizzjonijiet biex jidħlu fl-Unjoni ekwidi ħajjin u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom (ĠU L 244, 28.9.2018, p. 10).

(2) It-tabella fl-Anness I li fiha l-lista tal-pajjiżi terzi u n-noti ta' qiegħ il-paġna hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(3) L-Anness II huwa emendat u kkoreġut skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Sal-31 ta' Diċembru 2019, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fl-Unjoni ta' annimali ekwini li jkollhom magħhom iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali rilevanti mfassal skont il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fil-Parti 1, fil-Kapitolu 1 tat-Taqsima B tal-Parti 2, jew fil-Parti 3 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1301, dment li ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali rilevanti jkun inħareġ qabel it-22 ta' Diċembru 2019.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/659, il-lista ta' pajjiżi terzi u tal-partijiet mit-territorju tal-pajjiżi terzi li minnhom jidħlu konsenji ta' ekwidi u tas-semen, l-ova u l-embrijuni tal-ekwidi fl-Unjoni hija sostitwita b'dan li ġej:

"Lista ta' pajjiżi terzi u partijiet mit-territorju tal-pajjiżi terzi [1] li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ekwidi u tas-semen, l-ova u l-embrijuni tal-ekwidi

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul mill-ġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
										SEMEN			O/E	Ekwidi	
					ŻR	ŻR	ŻR	EQ	ER + ETP	ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	AE-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	X	X	
AR	L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
AU	L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
BA	Bożnija-Ħerżegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BB	Barbados	BB-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BH	Il-Bahrain	BH-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BM	Bermuda	BM-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BO	Il-Bolivja	BO-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BR	Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		BR-1	L-Istati ta': Paraná u Rio de Janeiro	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
BY	Il-Belarussja	BY-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul mill-ġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
										SEMEN			O/E	Ekwidi	
					ŻR	ŻR	ŻR	*E*Q	ER + ETP	ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
CA	Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	C	X	X	X	X	X	X	X	X	—	X	
CH	L-Iżvizzera[2]	CH-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
CL	Iċ-Ċilì	CL-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
CN	Iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		CN-1	Iż-żona ħielsa mill-mard tal-ekwini fil-Belt ta' Conghua, fil-Muniċipalità ta' Guangzhou, fil-Provinċja ta' Guangdong li tinkludi l-Passaġġ ta' Bijosigurtà għall-Awtostrada mill-ajruport u lejh fi Guangzhou u f'Hong Kong (ara l-Kaxxa 1 għad-dettalji)	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
		CN-2	Il-post fejn se jsir il-Global Champions Tour fil-parkeġġ tal-Expo 2010 Nru 15 u l-passaġġ għall-Ajruport Internazzjonali ta' Shanghai Pudong fil-parti tat-Tramuntana ta' Pudong New Area u l-parti tal-Lvant tad-Distrett ta' Minhang taż-żona metropolitana ta' Shanghai (ara l-Kaxxa 1 għad-dettalji)	G	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—	Jekk ikunu ċċertifikati skont il-Kapitolu 1 tat-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II biss
CR	Il-Costa Rica	CR-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		CR-1	Iż-żona Metropolitana ta' San José	D	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—	
CU	Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
DZ	L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul mill-ġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
										SEMEN			O/E	Ekwidi	
					ŻR	ŻR	ŻR	EQ	ER + ETP	ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
EG	L-Eġittu	EG-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		EG-1	Iż-Żona Ħielsa mill-Mard Ekwin stabbilita fl-Isptar Veterinarju tal-Forzi Armati Eġizzjani fi Triq El Nasr, faċċata tal-Klabb Al Ahly fil-Kajr, u l-passaġġ tal-awtostrada sal-Ajruport Internazzjonali tal-Kajr (ara l-Kaxxa 2 għad-dettalji)	E	X	—	X	—	—	—	—	—	—	X	
FK	Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	—	X	—	—	—	—	X	
GL	Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
HK	Hong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
IL	Iżrael[3]	IL-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	—	—-	X	
IS	L-Iżlanda[4]	IS-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	X	X	X	—-	X	
JM	Il-Ġamajka	JM-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
JO	Il-Ġordan	JO-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
JP	Il-Ġappun	JP-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
KG	Il-Kirgiżistan	KG-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		KG-1	Ir-reġjun ta' Issyk-Kul	B	—	—	X	—	—	—	—	—	—	X	
KR	Ir-Repubblika tal-Korea	KR-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
KW	Il-Kuwajt	KW-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
LB	Il-Libanu	LB-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
MA	Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	X	X	X	—	X	

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul mill-ġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
										SEMEN			O/E	Ekwidi	
					ŻR	ŻR	ŻR	*E*Q	ER + ETP	ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
ME	Il-Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	MK-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
MO	Il-Macao	MO-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
MY	Il-Malasja	MY-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		MY-1	Il-Peniżola	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
MU	Mauritius	MU-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	X	—	—	—	—	—	—	X	
MX	il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	C	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		MX-1	Iż-żona Metropolitana tal-Belt tal-Messiku	C	—	X	—	—	—	—	—	—	—	—	Jekk ikunu ċċertifikati skont il-Kapitolu 1 tat-Taqsima B tal-Parti 2 tal-Anness II biss
		MX-2	Il-pajjiż kollu minbarra l-Istati ta' Chiapas, Oaxaca, Tabasco, Campeche, Yucatan, Quintana Roo, Veracruz u Tamaulipas	C	X	X	X	—	X	—	—	—	—	—	
NZ	New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	A	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
OM	L-Oman	OM-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
PE	Il-Perù	PE-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		PE-1	Ir-reġjun ta' Lima	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
PM	Saint Pierre u Miquelon	PM-0	Il-pajjiż kollu	A	—	—	X	—	X	—	—	—	—	X	
PY	Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul mill-ġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
										SEMEN			O/E	Ekwidi	
					ŻR	ŻR	ŻR	EQ	ER + ETP	ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
QA	Il-Qatar	QA-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	X	
RS	Is-Serbja ([3])	RS-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
RU	ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		RU-1	Il-provinċji ta' Kaliningrad, Arkhangelsk, Vologda, Murmansk, Leningrad, Novgorod, Pskov, Briansk, Vladimir, Ivanovo, Tver, Kaluga, Kostroma, Moskva, Orjol, Riasan, Smolensk, Tula, Jaroslavl, Nijninovgorod, Kirov, Belgorod, Voronesh, Kursk, Lipezk, Tambov, Astrahan, Volgograd, Penza, Saratov, Uljanovsk, Rostov, Orenburg, Perm u Kurgan	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
		RU-2	Ir-reġjuni ta' Stavropol u Krasnodar	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
		RU-3	Ir-Repubbliki ta' Karelia, Marij-El, Mordovia, Chuvachia, Kalmykia, Tatarstan, Dagestan, Kabardino-Balkaria, Severnaya Osetia, Ingushetia u Karachaevo-Cherkesia	B	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
SA	L-Arabja Sawdija	SA-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		SA-1	Il-pajjiż kollu minbarra l-SA-2	E	X	X	X	—	—	X	—	—	—	X	
		SA-2	Iż-żoni ta' protezzjoni u sorveljanza fil-provinċji ta' Jizan, Asir u Najran, kif deskritt fil-Kaxxa 3	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	

Kodiċi ISO	Pajjiż terz	Il-kodiċi tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Deskrizzjoni tal-parti mit-territorju tal-pajjiż terz	Grupp Sanitarju	Dħul Temporanju	Dħul millġdid	Importazzjonijiet			Importazzjonijiet				Tranżitu	Kundizzjonijiet speċifiċi
					ŻR	ŻR	ŻR	EQ	ER + ETP	SEMEN			O/E	Ekwidi	
										ŻR	ER	ETP			
1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11	12	13	14	15	16
Grupp Sanitarju	Singapore	SG-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
TH	It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	G	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
TN	It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	E	X	X	X	X	X	—	—	—	—	X	
TR	It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		TR-1	Il-provinċji ta' Ankara, Edirne, Istanbul, Izmir, Kirklareli u Tekirdag	E	X	X	X	—	—	—	—	—	—	X	
UA	l-Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	B	X	X	X	X	X	X	X	X	—	X	
US	L-Istati Uniti tal-Amerka	US-0	Il-pajjiż kollu	C	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	
UY	L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	D	X	X	X	X	X	X	X	X	—	X	
ZA	L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		ZA-1	Iż-żona metropolitana ta' Cape Town (ara l-Kaxxa 4 għad-dettalji)	F	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/698/KE

(1) Fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni uffiċjali bi qbil mal-Artikolu 13(2)(a) tad-Direttiva 2009/156/KE.

(2) Mingħajr preġudizzju għal ċerti rekwiżiti speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni u tal-kontroll previsti fid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

(3) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li ilhom taħt l-amministrazzjoni ta' Iżrael minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

(4) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni previsti fl-Artikolu 17 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3).

(5) **(5)**Kif hemm iddefinit fl-Artikolu 135 tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom minn naħa u r-Repubblika tas-Serbja min-naħa l-oħra (ĠU L 278, 18.10.2013, p.16)."

ANNESS II

L-Anness II huwa emendat u kkoreġut kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI 1

Dħul temporanju u tranżitu

It-taqsima A

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa u mudell tad-dikjarazzjoni għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati fl-Unjoni għal perjodu ta' inqas minn 90 jum

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Nru tat-telefown		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi
I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezzi ta' Trasport Ajruplan☐ Bastiment☐ Vagun tal-ferrovija☐ Vettura tat-triq☐ Mezz ieħor☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
		I.17. Nru/Nri tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-annimal		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi tas-Sistema Armonizzata) **01 01**	
		I.20. Kwantità **1**	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.	
I.25. L-annimal huwa ċċertifikat għal: Żiemel reġistrat ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-annimal Speċi (Isem xjentifiku) Sistema ta' identifikazzjoni Numru tal-identifikazzjoni Età Sess ***Equus caballus***			

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Attestat tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28.:

- huwa żiemel reġistrat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;
- ġie eżaminat illum(1) u nstab li hu ħieles minn kull sinjal kliniku ta' mard u minn kull sinjal evidenti ta' infestazzjoni bl-ektoparassiti;
- mhuwiex maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew mard kuntaġġuż;
- jissodisfa l-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.1. sa II.5. ta' dan iċ-ċertifikat;
- għandu miegħu d-dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn sid l-annimal jew mir-rappreżentant tiegħu.

II.1. *Attestat dwar il-pajjiż terz jew parti mit-territorju tal-pajjiż terz u dwar l-impriża minn fejn intbagħtu*

II.1.1. L-annimal intbagħat minn ..... (*daħħal isem il-pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż*), pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandu l-Kodiċi: .....(2) u ġie assenjat fil-Grupp Sanitarju .....(2);

II.1.2. fil-pajjiż minn fejn intbagħat il-mard elenkat hawn taħt huwa notifikabbli bil-liġi: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomijelite ekwina (it-tipi kollha, inkluża l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vexxikulari, ir-rabja, l-antraċe;

II.1.3. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż:

a) li huma meqjusa ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mad-Direttiva 2009/156/KE u fejn ma kienx hemm evidenza klinika, seroloġika (fl-ekwidi mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel tul is-sentejn ta' qabel id-data meta ntbagħat, u fejn ma sarx tilqim kontra din il-marda matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu;

b) fejn ma kienx hemm każi ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

c) fejn ma kienx hemm każi ta' durina fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

d) fejn ma kienx hemm każi ta' glanders fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

(3)*jew* [e) fejn ma kienx hemm każi ta' stomatite vexxikulari fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;]

(3)*inkella* [e) fejn kien hemm każi ta' stomatite vexxikulari waqt il-perjodu ta' 6 xhur qabel id-data meta ntbagħat, iżda kampjun tad-demm li ttieħed mill-annimal waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-.....(*daħħal id-data*) ġie ttestjat għall-antikorpi għall-virus tal-istomatite vexxikulari u rritorna riżultat negattiv

(3)*jew* [f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 f'kull 32;]]

(3)*inkella* [f'ELISA skont il-Kapitlu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;]]

II.1.4. l-annimal ma ħariġx minn impriża li kienet soġġetta għal xi ordni ta' projbizzjoni, u sa fejn naf jien, fiż-żminijiet imsemmijin fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7., ma kien f'kuntatt ma' ebda annimal minn impriża li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. u li jdumu sa:

(4)[II.1.4.1. fil-każ ta' ekwidi li jkun hemm suspett dwarhom li huma morda bid-durina,

(3)*jew* [6 xhur li jibdew mid-data tal-aħħar kuntatt reali jew possibbli ma' annimal li hemm suspett dwaru li ħa d-durina jew kien infettat bit-Trypanosoma equiperdum;]

(3)*u/jew* [fil-każ ta' żiemel tal-għalla, sakemm l-annimal jiġi kkastrat;]

(3)*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[(4)][II.1.4.2. fil-każ tal-glanders,

(3)jew [6 xhur mill-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda jew li kienu ssoġġettati għal eżami għas-sejbien tal-patoġenu kawżanti Burkholderia mallei u ħareġ riżultat pożittiv jew instabulhom l-antikorpi għal dak il-patoġenu,u nqerdu l-katavri tagħhom;]

(3)u/jew [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

II.1.4.3. fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina ta' kwalunkwe tip,

(3)jew [6 xhur li bdew mill-jum meta nqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda;]

(3)u/jew [6 xhur mill-jum meta jkunu mietu jew inħarġu mill-azjenda, jew irkupraw kompletament, l-ekwidi infettati bil-viruses li jikkawżaw id-deni tal-Punent tan-Nil, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent;]

(3)u/jew [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.4. fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, sad-data li fiha, wara li nqatlu l-annimali infettati, l-annimali ekwini li kien fadal fl-impriża wrew reazzjoni negattiva għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 3 xhur bejn it-teħid;

II.1.4.5. fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

(3)jew [6 xhur wara l-aħħar każ;]

(3)u/jew [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.6. fil-każ tar-rabja, 30 jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.4.7. fil-każ tal-antraċe, 15-il jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini;

II.1.5. sa fejn naf jien, matul l-aħħar15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal, dan ma kienx f'kuntatt ma' ekwidi li kienu infettati, jew li kien hemm xi suspett li kienu infettati, b'xi marda infettiva jew kuntaġġuża.

II.2. *Attestat tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

(3)jew [II.2.1. Għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, l-annimal kien residenti f'azjenda li kienet taħt sorveljanza veterinarja u li tinsab fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal, li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B, C, D, E jew G, u

(3)jew [fi Stat Membru tal-Unjoni;]

(3)u/jew [f'pajjiż jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż li għandu l-Kodiċi: ……[(2)]li hu awtorizzat għad-dħul temporanju fl-Unjoni ta' żwiemel reġistrati, u li minnu ġie importat fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż li minnu ntbagħat, f'kundizzjonijiet li huma stretti, mill-inqas daqs dawk meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati minn dan il-pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' dan il-pajjiż, direttament fl-Unjoni, u li hu:

(3)jew [assenjat fl-istess Grupp Sanitarju ……[(2)] tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;]]

(3)u/jew [assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B jew C;]]

(3)u/jew [Iċ-Ċina[(5)(6)], Hong Kong, il-Ġappun, il-Korea, il-Macao, il-Malasja (il-Peniżola), Singapore, it-Tajlandja jew l-Emirati Għarab Magħquda;]]]

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

			II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali
(3)(7)*jew*	[II.2.1.	Għal perjodu ta' mill-inqas 60 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat, l-annimal kien residenti f'azjendi taħt sorveljanza veterinarja li jinsabu fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat, li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju F, jew ġie importat fl-aħħar 60 jum qabel ma ntbagħat minn Stat Membru tal-Unjoni qabel ma daħal fl-istazzjon tal-kwarantina protett mill-vetturi jew reżistenti għall-vetturi, skont il-punt II.2.2.;]		
(3)(7)*jew*	[II.2.2.	l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju E u		
	(3)*jew*	[inżamm iżolat fil-pajjiż jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat, protett mill-insetti vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data li fiha ntbagħat, jew mid-data tad-dħul fil-pajjiż jew mill-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat, jekk ġie importat, bi qbil mal-punt II.2.1, minn Stat Membru tal-Unjoni jew minn pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B, C, D, E jew G;]]		
	(3)*inkella*	[inżamm f'bini magħżul taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel ma ntbagħat, jew minn meta ddaħħal fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat, jekk ġie importat bi qbil mal-punt II.2.1 minn Stat Membru tal-Unjoni jew minn pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B, C, D, E jew G, u l-pajjiż minn fejn intbagħat jew il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat huwa/hija rikonoxxut(a) bħala ħieles/ħielsa uffiċjalment mill-marda Afrikana taż-żwiemel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;]]		
(3)(7)*jew*	[II.2.2.	l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju F, u nżamm:		
	(3)*jew*	[fl-istazzjon tal-kwarantina approvat ta' ..... li hu protett mill-vetturi (*daħħal isem l-stazzjon tal-kwarantina*) għal mill-inqas l-aħħar 40 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, mill-..... (*daħħal id-data*) sal-..... (*daħħal id-data*), magħluq fil-bini protett mill-vetturi mill-inqas bejn sagħtejn qabel inżul ix-xemx sa sagħtejn wara tlugħ ix-xemx, u ngħata l-eżerċizzju taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali wara li ġew applikati fuqu r-repellenti tal-insetti flimkien ma' insettiċida li huwa effettiv kontra l-*Culicoides* qabel ma nħareġ mill-istalla, u nżamm strettament iżolat minn ekwidi li ma kinux qed jitħejjew għall-esportazzjoni f'kundizzjonijiet stretti mill-inqas daqs dawk meħtieġa għad-dħul jew l-importazzjoni temporanji fl-Unjoni.]]		
(3)*inkella*	[magħluq il-ħin kollu fl-istazzjon tal-kwarantina approvat ta' ..... li hu reżistenti għall-vetturi (*daħħal isem l-istazzjon tal-kwarantina*) għal mill-inqas l-aħħar 14-il jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u l-monitoraġġ kontinwu tal-protezzjoni mill-vetturi wera li ma kienx hemm vetturi fil-parti tal-istazzjon tal-kwarantina li hi protetta mill-vetturi.]]			
II.3.	*Attestat tal-vaċċini u tat-testijiet tas-saħħa*			
(3)*jew*	[II.3.1.	L-annimal ma tlaqqamx kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel fil-pajjiż minn fejn intbagħat u ma teżistix informazzjoni li tagħti xi ħjiel li dan it-tip ta' tilqim kien sar qabel;]		
(3)*inkella*	[II.3.1.	L-annimal tlaqqam kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel, u din it-tilqima saritlu:		
	(3)*jew*	[aktar minn 12-il xahar qabel id-data ta' meta ntbagħat;]]		
	(3)*inkella*	[aktar minn 60 jum u inqas minn 12-il xahar qabel id-data tad-dħul fil-parti mit-territorju tal-pajjiż imsemmi fil-punt II.1.3.(a), minn fejn intbagħat;]]		
(3)(7)*inkella*	[II.3.1.	L-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju F, u tlaqqam kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel nhar il-.....*(daħħal id-data)* mhux iżjed minn 24 xahar u mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dħul fil-kwarantina protetta mill-vetturi bl-amministrazzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, ta' tilqima rreġistrata li tipproteġi kontra s-serotipi fiċ-ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel;]		
	II.3.2.	l-annimal ma tlaqqamx kontra l-enċefalite ekwina tal-Venezwela fis-60 jum ta' qabel id-data ta' meta ntbagħat minn		
	(3)*jew*	[pajjiż li t-territorju kollu tiegħu ilu ħieles mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]		
	(3)(7)*jew*	[parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, li ilha ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq tal-annimali, u fil-partijiet l-oħra tat-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu teżisti l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, u		

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[3]*jew* [tlaqqam kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors sħiħ ewlieni, u tlaqqam mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, mhux inqas minn 60 jum u mhux iktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu, u nżamm fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu baqa' f'saħħtu klinikament u t-temperatura ta' ġismu, li ttieħdet kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin li kien fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat, u ta riżultat negattiv, għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela;]]

[3]*inkella* [mhuwiex imlaqqam kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela u nżamm fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum u tul dak il-perjodu baqa' f'saħħtu klinikament, u t-temperatura ta' ġismu, li tteħditlu kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv, u l-annimal li kien maħsub li jintbagħat sarlu test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fuq kampjun li tteħidlu mhux inqas minn 14-il jum wara d-data li fiha ddaħħal fil-kwarantina protetta mill-vetturi, b'riżultat negattiv, u baqa' protett mill-insetti vetturi sakemm intbagħat;]]

[3]*inkella* [ġie ssoġġettat għal test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, li sar mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni li ttieħdu f'żewġ okkażjonijet b'intervall ta' 21 jum bejn it-teħid nhar il-…..… (*daħħal id-data*) u nhar il-……. (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed waqt l-10 ijiem qabel id-data tat-tluq tal-annimal, mingħajr ma nstabet żieda fit-titru tal-antikorpi, u ġie ssoġġettat għal test RT-PCR (traskriptaži inversa u reazzjoni katina bil-polimeraži) għas-sejba tal-ġenomu tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, li sar fit-48 siegħa qabel ma ntbagħat, nhar il-……(*daħħal id-data*), u mill-mument li tteħidlu l-kampjun għat-test tal-RT-PCR sakemm ġie imbarkat biex jintbagħat, kien protett minn attakki minn vetturi permezz tal-użu fuqu ta' repellenti tal-insetti u insettiċidi approvati flimkien, u permezz tad-diżinsettizzazzjoni tal-istalla u tal-mezz tat-trasport tiegħu;]]

[3][II.3.3. l-annimal huwa ekwin maskili mhux ikkastrat li għandu iżjed minn 180 jum, u

[3]*jew* [intbagħat minn pajjiż fejn l-arterite virali ekwina (EVA) hija marda notifikabbli b'mod obbligatorju, u ma ġietx irrappurtata uffiċjalment fis-6 xhur qabel id-data tat-tluq tal-annimal;]]

[3]*inkella* [ġie ttestjat għall-EVA fuq kampjun tad-demm li ttieħed waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-…… (*daħħal id-data*) permezz ta' test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]

[3]*inkella* [ġie ttestjat għall-EVA fuq alikwota tas-semen kollu tiegħu li ttieħed waqt il-perjodu tal-21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-…… (*daħħal id-data*) permezz ta' test ta' iżolament virali, b'reazzjoni katina bil-polimeraži (PCR) jew permezz ta' reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali, b'riżultat negattiv;]]

[3]*inkella* [tlaqqam kontra l-EVA nhar il-…… (*daħħal id-data*) taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, u tlaqqam mill-ġdid b'intervalli regolari skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, b'tilqima approvata mill-awtorità kompetenti, u l-ewwel tilqima saritlu:

[3]*jew* [qabel l-1 ta' Ottubru 2018, fil-jum meta tteħidlu kampjun tad-demm li mbagħad ġie ttestjat għall-EVA b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]]

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

(3)*inkella* [qabel l-1 ta' Ottubru 2018, waqt perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li beda mill-jum meta tteħidlu kampjun tad-demm li waqt dak il-perjodu ta' iżolament ġie ttestjat għall-EVA b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]]

(3)*inkella* [fl-età ta' bejn 180 jum u 270 jum, waqt perjodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, meta l-annimal ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, b'riżultat negattiv, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jitnaqqsu, fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 10 ijiem bejniethom;]]]

(3)*inkella* [wara li l-annimal ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li rritorna riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel 7 ijiem wara li beda perjodu kontinwu ta' iżolament twil 21 jum wara t-tlaqqim;]]]

(3)*inkella* [fl-età ta' bejn 180 jum u 250 jum, wara li l-annimal ġie ssoġġettat għal test għall-EVA permezz tan-newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, li rritorna riżultat negattiv, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jitnaqqsu, fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 14-il jum bejniethom;]]]

(3)*inkella* [ġie ssoġġettat għal test ta' iżolament tal-virus, għal reazzjoni katina bil-polimeraži (PCR) jew reazzjoni katina bil-polimeraži f'ħin reali li rritorna riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu tiegħu li nġabar wara d-data ta' meta kampjun tad-demm li tteħidlu nhar il-…… (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu tas-6 xhur qabel id-data tat-tluq ġie ttestjat għall-EVA b' test tan-newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas 1 f'kull 4 u rritorna riżultat pożittiv;]]

(3)*inkella* [kien ġie ttestjat qabel għall-antikorpi kontra l-virus tal-arterite virali ekwina u ta riżultat pożittiv, inkella kien tlaqqam kontra l-EVA u

a) fis-6 xhur ta' qabel ma ntbagħat tgħammar b'test, f'jumejn konsekuttivi, ma' mill-inqas żewġ debbiet li kienu nżammu fl-iżolament fis-7 ijiem eżatt qabel it-tgħammir b'test u baqgħu fl-iżolament għal mill-inqas 28 jum wara, u fil-ħin tat-tgħammir b'test u mill-inqas 28 jum wara, ġew issoġġettati għal żewġ testijiet seroloġiċi għall-EVA li taw riżultati negattivi b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, u

b) ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li twettaq fuq kampjun tad-demm li ttieħed fil-21 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat nhar il-…… (*daħħal id-data*),

(3)*jew* [b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas 1 f'kull 4;]]]

(3)*inkella* [b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4;]]]

(3)*inkella* [kull rekwiżit ta' ttestjar għall-EVA jew tilqim kontra l-EVA twarrab bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni …… (*daħħal ir-referenza għall-att legali tal-Unjoni li japplika*) għar-raġuni li l-annimal qed jiddaħħal temporanjament fl-Unjoni biex jipparteċipa fl-avveniment ekwestri speċifikat f'dak l-att legali u li l-annimal qed jinżamm apparti minn ekwidi oħrajn li mhumiex jipparteċipaw f'dan l-avveniment, u li kull attività ta' tnissil, fosthom il-ġbir tas-semen, hija pprojbita waqt ir-residenza temporanja fl-Unjoni;]]

(3)(7)*jew* [II.3.4. l-annimal intbagħat mill-Iżlanda, li hija ċċertifikata li hi uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, fejn kien residenti dejjem minn twelidu u qatt ma ġie f'kuntatt ma' ekwidi li daħlu fl-Iżlanda minn pajjiżi oħra;]

(3)*inkella* [II.3.4. l-annimal ġie ssoġġettat b'riżultat negattiv għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) jew għal ELISA għall-anemija infettiva ekwina li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… *(daħħal id-data),* u li sar fil-perjodu

(3)*jew* [perjodu ta' 90 jum qabel id-data tat-tluq minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B, C jew G;]]

(3)*inkella* [perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tluq minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju D, E jew F;]]

PAJJIŻ **Dħul temporanju - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[3][II.3.5. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B jew E, jew mill-Brażil, jew miċ-Ċina, jew mit-Tajlandja, jew minn pajjiż fejn ġie rrappurtat il-glanders fit-3 snin qabel id-data tat-tluq, u ġie ssoġġettat għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-..... (*daħħal id-data*), u dan sar waqt il-perjodu tat-30 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

[3][II.3.6. l-annimal huwa ekwin maskili mhux ikkastrat, jew ekwina mara ta' età ikbar minn 270 jum, li ntbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, E, jew F, jew miċ-Ċina jew mit-Tajlandja, jew minn pajjiż fejn ġiet irrappurtata d-durina waqt il-perjodu tas-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq, u ġie ssoġġettat għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għad-durina b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-..... (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tluq u ma ntużax għat-tgħammir tul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel u wara d-data meta ttieħed il-kampjun;]

[3][7][II.3.7. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, u

[3]*jew* [ma ġewx irrappurtati uffiċjalment l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant fil-pajjiż minn fejn intbagħat għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]]

Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

Parti II:

(1) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-jum tat-tagħbija jew fil-każ ta' żiemel reġistrat fl-aħħar jum tax-xogħol qabel ma jitgħabba l-annimal biex jintbagħat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.
Id-dħul ta' dawn l-annimali fl-Unjoni ma għandhiex tkun permessa jekk l-annimali jkunu tgħabbew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għat-tranżitu mill-Unjoni mill-pajjiż rispettiv li ssemma fil-punt II.1.1., jew minn parti mit-territorju tiegħu, jew jekk ikun tgħabba fi żmien meta l-Unjoni tkun adottat xi miżuri restrittivi kontra d-dħul ta' ekwidi minn dan il-pajjiż jew minn din il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat.

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż u l-Grupp Sanitarju li jidher rispettivament fil-kolonni 3 u 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

(3) Ħassar fejn ma japplikax.

(4) Ħassar id-dikjarazzjoni jekk l-attestat fil-punt II.1.3. japplika għall-pajjiż kollu minn fejn intbagħat l-annimal.

(5) Jistgħu jitħallew barra dikjarazzjonijiet marbuta kompletament u esklussivament ma' Grupp Sanitarju li mhuwiex dak tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal jew ta' parti mit-territorju tiegħu, dejjem jekk tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sossegwenti.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu:

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu l-annimali se jidħlu fit-territorju tal-Unjoni u se jkunu ssoġġettati għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jingħabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għat-tranżitu ta' annimal ekwin mill-Unjoni

Identifikazzjoni tal-annimal[1]

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess
……..	……..	……	…….	……

Jien is-sottoskritt, sid[2] l-annimal deskritt hawn fuq, jew ir-rappreżentant[2] ta' sid l-annimal, b'dan niddikjara li:

- l-annimal
  - [2]*jew* [dejjem baqa' …….. (*daħħal l-isem tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal*) għal perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tat-tluq;]
  - [2]*inkella* [daħal …….. (*daħħal l-isem tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal*) waqt il-perjodu ta' residenza meħtieġ ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data tat-tluq:
    - (a) nhar il-……. (*daħħal id-data*) minn……. (*daħħal isem il-pajjiż li minnu l-annimal daħal fil-pajjiż jew isem il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat*)
    - (b) nhar il-……. (*daħħal id-data*) minn……. (*daħħal isem il-pajjiż li minnu l-annimal daħal fil-pajjiż jew isem il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat*)
    - (c) nhar il-……. (*daħħal id-data*) minn……. (*daħħal isem il-pajjiż li minnu l-annimal daħal fil-pajjiż jew isem il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat*);]
- matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq, l-annimal ma ġiex f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar it-trasportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri tal-annimal jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;
- huwa skedat li l-annimal se jinħareġ mill-Unjoni nhar il-…… (*daħħal id-data*) mill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' …… (*daħħal l-isem tal-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tal-ħruġ u l-isem ta' fejn jinsab*);

L-isem u l-indirizz ta' sid[2] l-annimal jew tar-rappreżentant[2] tiegħu: ……

Data: ……(*jj/xx/ssss*)

……
(*Firma*)

[1] *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus, Equus asinus, Equus africanus, Equus hemionus, Equus kiang, Equus quagga, Equus zebra, Equus grevyi*, jew indika jekk hemm xi taħlita tagħhom.
Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.
Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.
Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).
Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

[2] Ħassar fejn ma japplikax.

"

(2) Fit-Taqsima B tal-Parti 2, il-Kapitolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kapitolu 1

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa u mudell tad-dikjarazzjoni li japplikaw għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni ta' żwiemel reġistrati għall-kompetizzjonijiet wara l-esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux aktar minn 90 jum biex jipparteċipaw f'avvenimenti ekwestri organizzati taħt il-patroċinju tal-Fédération Equestre Internationale (FEI)

(Avveniment ta' ttestjar bi tħejija għal-Logħob Olimpiku, għal-Logħob Olimpiku Paraolimpijadu, tal-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija/il-Kampjonat Dinji, tal-Kompetizzjoni Ekwestri Asjatika, tal-Kompetizzjonijiet Ekwestri Amerikani (fosthom il-Kompetizzjoni Pan Amerikana, il-Kompetizzjoni tal-Amerka t'Isfel, il-Kompetizzjoni tal-Amerka Ċentrali, u l-Kompetizzjoni tal-Karibew), l-Endurance World Cup fl-Emirati Għarab Magħquda, l-LG Global Champions Tour)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Nru tat-telefown	I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
	I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
	I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown	I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO / I.8. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.10. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi	
I.11. Post tal-oriġini Isem / Numru tal-approvazzjoni Indirizz	I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija	I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezzi ta' Trasport Ajruplan☐ Bastiment☐ Vagun tal-ferrovija☐ Vettura tat-triq☐ Mezz ieħor☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji	I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
	I.17. Nru/Nri tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-annimal	I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi tas-SA) **01 01**	
	I.20. Kwantità **1**	
I.21.	I.22. Numru ta' pakketti	
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur	I.24.	
I.25. L-annimal huwa ċċertifikat għal: Żiemel reġistrat ☐		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-annimal Speċi (Isem xjentifiku) / Sistema ta' identifikazzjoni / Numru tal-identifikazzjoni / Età / Sess ***Equus caballus***		

PAJJIŻ **Dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux aktar minn 90 jum**
Kompetizzjonijiet speċifiċi - Żiemel reġistrat

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. **Attestat tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28.:

- huwa żiemel reġistrat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;
- ġie eżaminat illum[1] u nstab li hu ħieles minn kull sinjal kliniku ta' mard u minn kull sinjal evidenti ta' infestazzjoni bl-ektoparassiti;
- mhuwiex maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew mard kuntaġġuż;
- jissodisfa l-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.1. sa II.3. ta' dan iċ-ċertifikat;
- għandu miegħu d-dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn sid l-annimal jew mir-rappreżentant tiegħu.

II.1. *Attestat dwar il-pajjiż terz jew parti mit-territorju tal-pajjiż terz u dwar l-impriża minn fejn intbagħtu*

II.1.1. L-annimal intbagħat minn …… (*daħħal isem il-pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż*), pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandu l-Kodiċi: ……[2] u ġie assenjat fil-Grupp Sanitarju …… [2];

II.1.2. fil-pajjiż minn fejn intbagħat il-mard elenkat hawn taħt huwa notifikabbli bil-liġi: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomijelite ekwina (it-tipi kollha, inkluża l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vexxikulari, ir-rabja, l-antraċe;

II.1.3. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż:

a) li huma meqjusa ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mad-Direttiva 2009/156/KE u fejn ma kienx hemm evidenza klinika, seroloġika (fl-ekwidi mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel tul is-sentejn ta' qabel id-data meta ntbagħat, u fejn ma sarx tilqim kontra din il-marda matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu;

b) fejn ma kienx hemm każi ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

c) fejn ma kienx hemm każi ta' durina fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

d) fejn ma kienx hemm każi ta' glanders fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

II.1.4. l-annimal ma ħariġx minn impriża li kienet soġġetta għal xi ordni ta' projbizzjoni, u sa fejn naf jien, fiż-żminijiet imsemmijin fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. ma kien f'kuntatt ma' ebda annimal minn impriża li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. u li ddum sa:

[3][II.1.4.1. fil-każ ta' ekwidi li jkun hemm suspett dwarhom li huma morda bid-durina,

[4]*jew* [6 xhur mid-data tal-aħħar kuntatt reali jew possibbli ma' annimal li hemm suspett dwaru li ħa d-durina jew kien infettat bit-*Trypanosoma equiperdum*;]

[4]*u/jew* [fil-każ ta' żiemel tal-għalla, sakemm l-annimal jiġi kkastrat;]

[4]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

[3][II.1.4.2. fil-każ tal-glanders,

[4]*jew* [6 xhur mill-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda jew li kienu ssoġġettati għal eżami għas-sejbien tal-patoġenu li jikkawża l-*Burkholderia mallei* u ħareġ riżultat pożittiv jew instabulhom l-antikorpi għal dak il-patoġenu, u nqerdu l-katavri tagħhom;]

[4]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

II.1.4.3. fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina ta' kwalunkwe tip,

[4]*jew* [6 xhur li bdew mill-jum meta nqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda;]

[4]*u/jew* [6 xhur mill-jum meta jkunu mietu jew inħarġu mill-azjenda, jew irkupraw kompletament, l-ekwidi infettati bil-viruses li jikkawżaw id-deni tal-Punent tan-Nil, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent;]

[4]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

PAJJIŻ **Dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux aktar minn 90 jum**
Kompetizzjonijiet speċifiċi - Żiemel reġistrat

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

II.1.4.4. fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, sad-data li fiha, wara li nqatlu l-annimali infettati, l-annimali ekwini li kien fadal fl-impriża wrew reazzjoni negattiva għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 3 xhur bejn it-teħid;

II.1.4.5. fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

(4)*jew* [6 xhur wara l-aħħar każ;]

(4)*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.6. fil-każ tar-rabja, 30 jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.4.7. fil-każ tal-antraċe, 15-il jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini;

II.1.5. sa fejn naf jien, matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal, dan ma kienx f'kuntatt ma' ekwidi li kienu infettati, jew li kien hemm xi suspett li kienu infettati, b'xi marda infettiva jew kuntaġġuża.

II.2. *Attestat tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

II.2.1. L-annimal ġie importat fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat nhar il-…… *(daħħal id-data)*

(4)*jew* [direttament mill-Istat Membru tal-UE…… (*daħħal isem l-Istat Membru tal-UE*);]

(4)*inkella* [minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż …… (*daħħal isem il-pajjiż*) f'kundizzjonijiet stretti, mill-inqas daqs dawk stipulati f'dan iċ-ċertifikat;]

II.2.2. l-annimal inħareġ mill-Unjoni

(4)*jew* [inqas minn 30 jum ilu, u sa mill-ħruġ mill-Unjoni qatt ma kien f'pajjiż, jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż li ma kinux tal-istess Grupp Sanitarju. Fil-pajjiż jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat kien akkomodat f'imprizi taħt is-superviżjoni veterinarja, fi stalel separati, u ma ġiex f'kuntatt ma' ekwidi ta' status tas-saħħa inferjuri ħlief waqt il-kompetizzjoni, u pparteċipa, jew iddaħħal fi stalla flimkien ma' żwiemel li pparteċipaw fl-LG Global Champions Tour

(4)*jew* [fiż-żona Metropolitana ta' Mexico City, il-Messiku;]]

(4)*u/jew* [f'Miami, fl-Istati Uniti tal-Amerka;]

(4)*inkella* [f'Shanghai, iċ-Ċina;]]

(4)*inkella* [inqas minn 60 jum ilu, u sa mill-ħruġ mill-Unjoni qatt ma kien f'pajjiż, jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż li ma kinux tal-istess Grupp Sanitarju. Fil-pajjiż jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat kien akkomodat f'imprizi taħt is-superviżjoni veterinarja, fi stalel separati, u ma ġiex f'kuntatt ma' ekwidi ta' status tas-saħħa inferjuri ħlief waqt il-kompetizzjoni, u pparteċipa, jew iddaħħal fi stalla flimkien ma' żwiemel li pparteċipaw fi

(4)*jew* [fil-Kompetizzjoni Ekwestri Asjatika fi ……..…….. (*daħħal isem il-post*).]]

(4)*inkella* [fil-Kompetizzjoni Ekwestri Amerikana (5) fi ……..…… (*daħħal isem il-post*).]]

(4)*inkella* [fl-avvenimenti tal-Endurance World Cup fl-Emirati Għarab Magħquda.]]

(4)*inkella* [inqas minn 90 jum ilu, u sa mill-ħruġ mill-Unjoni qatt ma kien f'pajjiż, jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż(1) li ma kinux tal-istess Grupp Sanitarju. Fil-pajjiż jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat kien akkomodat f'imprizi taħt is-superviżjoni veterinarja, fi stalel separati, u ma ġiex f'kuntatt ma' ekwidi ta' status tas-saħħa inferjuri ħlief waqt il-kompetizzjoni, u pparteċipa, jew iddaħħal fi stalla flimkien ma' żwiemel li pparteċipaw fi

(4)*jew* [fl-avveniment tat-Test għal-Logħob Olimpiku fi …… (*daħħal isem il-post*).]]

(4)*inkella* [fl-avveniment tal-Logħob Olimpiku fi …… (*daħħal isem il-post*).]]

PAJJIŻ **Dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' mhux aktar minn 90 jum Kompetizzjonijiet speċifiċi - Żiemel reġistrat**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[4] *inkella* [fil-Paraolimpijadi fi ..... (*daħħal isem il-post*).]]

[4] *inkella* [fil-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija/fil-Kampjonat Dinji fi ..... (*daħħal isem il-post*).]]

II.3. *Attestat tat-trattament xieraq tal-annimali*

L-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28. ġie eżaminat illum[1] u nstab li hu f'saħħtu biżżejjed biex jinġarr fil-vjaġġ maħsub, u saru l-arranġamenti biex iħarsulu saħħtu u l-benesseri b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ.

Noti:

Parti I:

Kaxxa I.8.: Agħti l-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż li jidher fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

Kaxxa I.15.: Iridu jingħataw in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (bastiment) u informazzjoni oħra. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur irid jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa I.23.: Jenħtieġ li jiddaħħal in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn japplika).

Kaxxa I.28.: *Is-sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal. Iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport tal-annimal u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

Parti II:

(1) Jeħtieġ li ċ-ċertifikat jinħareġ fil-jum tat-tagħbija jew fl-aħħar jum tax-xogħol qabel ma jitgħabba l-annimal biex jintbagħat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.
Id-dħul mill-ġdid ta' dan iż-żiemel reġistrat wara esportazzjoni temporanja ma għandux ikun permess jekk l-annimal ikun tgħabba qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għad-dħul mill-ġdid fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv li ssemma fil-punt II.1.1. jew minn parti mit-territorju tiegħu, jew jekk ikun tgħabba fi żmien meta l-Unjoni tkun adottat xi miżuri restrittivi kontra d-dħul ta' ekwidi minn dan il-pajjiż jew minn din il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat.

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż u l-Grupp Sanitarju li jidher rispettivament fil-kolonni 3 u 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

(3) Ħassar id-dikjarazzjoni jekk l-attestat fil-punt II.1.3. japplika għall-pajjiż kollu minn fejn intbagħat l-annimal.

(4) Ħassar fejn ma japplikax.

(5) Li tinkludi l-Kompetizzjoni Pan Amerikana, il-Kompetizzjoni tal-Amerka t'Isfel, il-Kompetizzjoni tal-Amerka Ċentrali, u l-Kompetizzjoni tal-Karibew.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu:

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu ż-żiemel reġistrat se jidħol fit-territorju tal-Unjoni u se jkun issoġġettat għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jinġabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għad-dħul mill-ġdid wara l-esportazzjoni temporanja ta' żiemel reġistrat biex jieħu sehem f'kompetizzjoni

Identifikazzjoni tal-annimal[1]

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess
Equus caballus	.....	.....	.....	.....

Jien is-sottoskritt, sid[2] iż-żiemel reġistrat deskritt hawn fuq jew ir-rappreżentant[2] ta' sid iż-żiemel, b'dan niddikjara li:

- iż-żiemel
  - [2]*jew* [kien ġie esportat mill-Unjoni fuq bażi temporanja lejn il-pajjiż minn fejn intbagħat nhar il-..... (*daħħal id-data*) inqas minn 60 jum[2] jew 90 jum[2] qabel din id-dikjarazzjoni;]
  - [2]*inkella* [iddaħħal fil-pajjiż minn fejn intbagħat nhar il-..... (*daħħal id-data*) minn ..... (*daħħal isem il-pajjiż li minnu ż-żiemel iddaħħal fil-pajjiż minn fejn intbagħat*);]
- iż-żiemel kien esportat temporanjament mill-Unjoni biex jieħu sehem
  - [2]*jew* [fil-Kompetizzjoni Ekwestri Asjatika fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [fil-Kompetizzjoni ekwestri Amerikana [3] fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [fl-avvenimenti tal-Endurance World Cup fl-Emirati Għarab Magħquda;]
  - [2]*inkella* [fl-avveniment tat-Test għal-Logħob Olimpiku fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [fl-avveniment tal-Logħob Olimpiku fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [fil-Paraolimpijadi fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [fil-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija/fil-Kampjonat Dinji fi ..... (*daħħal isem il-post*);]
  - [2]*inkella* [l-LG Global Champions Tour li sar
    - [2]*jew* [fiż-żona Metropolitana ta' Mexico City, il-Messiku;]
    - [2]*u/jew* [f'Miami, fl-Istati Uniti tal-Amerka;]
    - [3]*inkella* [f'Shanghai, iċ-Ċina;]

- matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq, iż-żiemel ma ġiex f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri taż-żiemel jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ.

L-isem u l-indirizz ta' sid[2] l-annimal jew tar-rappreżentant[2] tiegħu: .....

Data: .....(*jj/xx/ssss*)

.....
(*Firma*)

[1] *Is-sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

[2] Ħassar fejn ma japplikax.

[3] Li tinkludi l-Kompetizzjoni Pan Amerikana, il-Kompetizzjoni tal-Amerka t'Isfel, il-Kompetizzjoni tal-Amerka Ċentrali, u l-Kompetizzjoni tal-Karibew.

"

(3) Il-Parti 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI 3

Importazzjonijiet

It-taqsima A

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa u mudell tad-dikjarazzjoni għall-importazzjoni individwali fl-Unjoni ta' żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat, jew annimal ekwin għat-tgħammir u l-produzzjoni

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Nru tat-telefown	I.2 Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
	I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
	I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown	I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO / I.8. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.10. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi	
I.11. Post tal-oriġini Isem / Numru tal-approvazzjoni Indirizz	I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija	I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezzi ta' Trasport Ajruplan☐ Bastiment☐ Vagun tal-ferrovija☐ Vettura tat-triq☐ Mezz ieħor☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji	I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
	I.17. Nru/Nri tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-annimal	I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata) **01 01**	
	I.20. Kwantità **1**	
I.21.	I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur	I.24.	
I.25. L-annimal huwa ċċertifikat għal: Żiemel reġistrat ☐ annimal ekwin reġistrat ☐ tgħammir u produzzjoni ☐		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-annimal Speċi (Isem xjentifiku) / Sistema ta' identifikazzjoni / Numru tal-identifikazzjoni / Età Sess		

PAJJIŻ	**Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Attestat tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28.:

- [1]*jew* [huwa annimal ekwin reġistrat li mhuwiex żiemel, kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2009/156/KE;]
  [1]*inkella* [huwa żiemel reġistrat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;]
  [1]*inkella* [huwa annimal ekwin għat-tgħammir u l-produzzjoni kif iddefinit fl-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2009/156/KE;]
- li ġej minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li huwa awtorizzat għall-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-kategorija ta' ekwidi speċifikati fl-ewwel inċiż ta' hawn fuq;
- ġie eżaminat illum[2] u nstab li hu ħieles minn kull sinjal kliniku ta' mard u minn kull sinjal evidenti ta' infestazzjoni bl-ektoparassiti;
- mhuwiex maħsub biex jinqatel skont programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew mard kuntaġġuż;
- jissodisfa l-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.1. sa II.5. ta' dan iċ-ċertifikat;
- għandu miegħu d-dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn sid l-annimal jew mir-rappreżentant tiegħu.

II.1. *Attestat dwar il-pajjiż terz jew parti mit-territorju tal-pajjiż terz u dwar l-impriża minn fejn intbagħtu*

II.1.1. L-annimal intbagħat minn ..... (*daħħal isem il-pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż*), pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandu l-Kodiċi: ……[3] u ġie assenjat fil-Grupp Sanitarju ……[3];

II.1.2. fil-pajjiż minn fejn intbagħat il-mard elenkat hawn taħt huwa notifikabbli bil-liġi: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomijelite ekwina (it-tipi kollha, inkluża l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vexxikulari, ir-rabja, l-antraċe;

II.1.3. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż

a) li huma meqjusa ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mad-Direttiva 2009/156/KE u fejn ma kienx hemm evidenza klinika, seroloġika (fl-ekwidi mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel tul is-sentejn ta' qabel id-data meta ntbagħat, u fejn ma sarx tilqim kontra din il-marda matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu;

b) fejn ma kienx hemm każi ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

c) fejn ma kienx hemm każi ta' durina fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

d) fejn ma kienx hemm każi ta' glanders fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

[1]*jew* [e) fejn ma kienx hemm każi ta' stomatite vexxikulari fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;]

[1]*inkella* [e) fejn kien hemm każi ta' stomatite vexxikulari waqt il-perjodu ta' 6 xhur qabel id-data meta ntbagħat, iżda kampjun tad-demm li ttieħed mill-annimal waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-……(*daħħal id-data*) ġie ttestjat għall-antikorpi għall-virus tal-istomatite vexxikulari u rritorna riżultat negattiv

[1]*jew* [f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 f'kull 32;]]

[1]*inkella* [f'ELISA skont il-Kapitlu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;]]

PAJJIŻ	**Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**	
	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

II.1.4. l-annimal ma ħariġx minn impriża li kienet soġġetta għal xi ordni ta' projbizzjoni, u sa fejn naf jien, fiż-żminijiet imsemmijin fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. ma kien f'kuntatt ma' ebda annimal minn impriża li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. u li ddum sa:

[4][II.1.4.1. fil-każ ta' ekwidi li jkun hemm suspett dwarhom li huma morda bid-durina,

[1]*jew* [6 xhur mid-data tal-aħħar kuntatt reali jew possibbli ma' annimal li hemm suspett dwaru li ħa d-durina jew kien infettat bit-*Trypanosoma equiperdum*;]

[1]*u/jew* [fil-każ ta' żiemel tal-għalla, sakemm l-annimal jiġi kkastrat;]

[1]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

[4][II.1.4.2. fil-każ tal-glanders,

[1]*jew* [6 xhur mill-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda jew li kienu ssoġġettati għal eżami għas-sejbien tal-patoġenu li jikkawża l-*Burkholderia mallei* u ħareġ riżultat pożittiv jew instabulhom l-antikorpi għal dak il-patoġenu, u nqerdu l-katavri tagħhom;]

[1]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

II.1.4.3. fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina ta' kwalunkwe tip,

[1]*jew* [6 xhur li bdew mill-jum meta nqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda;]

[1]*u/jew* [6 xhur mill-jum meta jkunu mietu jew inħarġu mill-azjenda, jew irkupraw kompletament, l-ekwidi infettati bil-viruses li jikkawżaw id-deni tal-Punent tan-Nil, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent;]

[1]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.4. fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, sad-data li fiha, wara li nqatlu l-annimali infettati, l-annimali ekwini li kien fadal fl-impriża wrew reazzjoni negattiva għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 3 xhur bejn it-teħid;

II.1.4.5. fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

[1]*jew* [6 xhur wara l-aħħar każ;]

[1]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.6. fil-każ tar-rabja, 30 jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.4.7. fil-każ tal-antraċe, 15-il jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini;

II.1.5. sa fejn naf jien, matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimal, dan ma kienx f'kuntatt ma' ekwidi li kienu infettati, jew li kien hemm xi suspett li kienu infettati, b'xi marda infettiva jew kuntaġġuża.

PAJJIŻ **Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

II.2. *Attestat tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

(1)*jew* [II.2.1. Għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat, jew sa minn twelidu, jekk l-annimal għandu inqas minn 90 jum, jew mid-data tad-dħul, jekk l-annimal ġie impurtat direttament mill-Unjoni fil-perjodu tad-90 jum ta' qabel id-data tat-tluq, l-annimal kien residenti f'azjendi taħt sorveljanza veterinarja li jinsabu f'pajjiż jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż li hu:

(1)(5)*jew* [assenjat fil-Grupp Sanitarju A, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżamm separat minn ekwidi ta' status tas-saħħa li ma kinitx ekwivalenti għal tiegħu;]]

(1)(5)*jew* [assenjat fil-Gruppi Sanitarji B, C, D, jew G, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżamm fl-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni taħt sorveljanza veterinarja mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' ekwidi ta' status tas-saħħa li ma kinitx ekwivalenti għal tiegħu;]]

(1)(5)*jew* [assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u nżamm fiċ-ċentru tal-iżolament approvat deskritt fil-Kaxxa I.11., protett mill-insetti vetturi

(1)*jew* [waqt il-perjodu ta' mill-inqas 40 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat;]]]

(1)*inkella* [għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat minn pajjiż tad-dispaċċ li hu rikonoxxut li huwa ħieles uffiċjalment mill-marda Afrikana taż-Żwiemel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u

(1)*jew* [l-annimal huwa żiemel reġistrat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;]]]]

(1)*inkella* [il-pajjiż minn fejn intbagħat ma jmiss ma' ebda pajjiż fejn kien hemm xi okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel fl-aħħar sentejn ta' qabel id-data ta' meta ntbagħat;]]]]

(1)(5)*jew* [II.2.1. L-annimal intbagħat minn pajjiż li minnu almenu parti mit-territorju hija assenjata fil-Grupp Sanitarju F, u f'għall-inqas l-aħħar 90 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, jew sa minn meta twieled, jekk l-annimal għandu inqas minn 90 jum, kien residenti f'azjendi taħt is-sorveljanza veterinarja u għall-inqas fl-aħħar 60 jum qabel ma ntbagħat, jew sa minn meta daħal, jekk ġie impurtat direttament mill-Unjoni fis-60 jum ta' qabel ma ntbagħat, inżamm fil-parti mit-territorju deskritta fil-punt II.1.3, li hija meqjusa ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u nżamm fl-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni

(1)*jew* [fl-istazzjon tal-kwarantina approvat ta' ..... li hu protett mill-vetturi (*daħħal isem l-stazzjon tal-kwarantina*) għal mill-inqas l-aħħar 40 jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, mill-..... (*daħħal id-data*) sal-.....(*daħħal id-data*), magħluq fil-bini protett mill-vetturi mill-inqas bejn sagħtejn qabel inżul ix-xemx sa sagħtejn wara tlugħ ix-xemx, u ngħata l-eżerċizzju taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali wara li ġew applikati fuqu r-repellenti tal-insetti flimkien ma' insettiċida li huwa effettiv kontra l-*Culicoides* qabel ma nħareġ mill-istalla, u nżamm strettament iżolat minn ekwidi li ma kinux qed jitħejjew għall-esportazzjoni f'kundizzjonijiet stretti mill-inqas daqs dawk meħtieġa għad-dħul jew l-importazzjoni temporanji fl-Unjoni.]]

(1)*inkella* [magħluq il-ħin kollu fl-istazzjon tal-kwarantina approvat ta' ..... li hu reżistenti għall-vetturi. (*daħħal isem l-istazzjon tal-kwarantina*) għal mill-inqas l-aħħar 14-il jum qabel id-data tat-tluq tiegħu, u l-monitoraġġ kontinwu tal-protezzjoni mill-vetturi wera li ma kienx hemm vetturi fil-parti tal-istazzjon tal-kwarantina li hi protetta mill-vetturi.]]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

		II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali	
II.3.	*Attestat tal-vaċċini u tat-testijiet tas-saħħa*			
(1)*jew*	[II.3.1.	L-annimal ma tlaqqamx kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel fil-pajjiż minn fejn intbagħat u ma teżistix informazzjoni li tagħti xi ħjiel li dan it-tip ta' tilqim kien sar qabel;]		
(1)*inkella*	[II.3.1.	L-annimal tlaqqam kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel, u din it-tilqima saritlu:		
	(1)*jew*	[aktar minn 12-il xahar qabel id-data ta' meta ntbagħat;]]		
	(1)*inkella*	[aktar minn 60 jum u inqas minn 12-il xahar qabel id-data tad-dħul fil-pajjiż jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż imsemmi fil-punt II.1.3.(a), minn fejn intbagħat;]]		
(1)(5)*inkella*	[II.3.1.	L-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju F, u tlaqqam kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel nhar il-……..*(daħħal id-data)* mhux iżjed minn 24 xahar u mill-inqas 40 jum qabel id-data tad-dħul fil-kwarantina protetta mill-vetturi bl-amministrazzjoni skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, ta' tilqima rreġistrata li tipproteġi kontra s-serotipi fiċ-ċirkolazzjoni tal-virus tal-marda Afrikana taż-żwiemel;]		
	II.3.2.	l-annimal ma tlaqqamx kontra l-enċefalite ekwina tal-Venezwela fis-60 jum ta' qabel id-data ta' meta ntbagħat minn		
	(1)*jew*	[pajjiż li t-territorju kollu tiegħu ilu ħieles mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]		
	(1)(5)*jew*	[parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, li ilha ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq tal-annimali, u fil-partijiet l-oħra tat-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu teżisti l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, u		
		(1)*jew* [tlaqqam kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors sħiħ ewlieni, u tlaqqam mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, mhux inqas minn 60 jum u mhux iktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu, u nżamm fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu baqa' f'saħħtu klinikament u t-temperatura ta' ġismu, li ttieħdet kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin li kien fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat, u ta riżultat negattiv, għal test tad-demm biex jiġi żolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela;]]		
		(1)*inkella* [mhuwiex imlaqqam kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela u nżamm fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum u tul dak il-perjodu baqa' f'saħħtu klinikament, u t-temperatura ta' ġismu, li tteħditlu kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi żolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv, u l-annimal li kien maħsub li jintbagħat sarlu test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fuq kampjun li tteħidlu mhux inqas minn 14-il jum wara d-data li fiha ddaħħal fil-kwarantina protetta mill-vetturi, b'riżultat negattiv, u baqa' protett mill-insetti vetturi sakemm intbagħat;]]		
		(1)*inkella* [ġie ssoġġettat għal test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, li sar mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni li ttieħdu f'żewġ okkażjonijet b'intervall ta' 21 jum bejn it-teħid nhar il-…..… (*daħħal id-data*) u nhar il-……. (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed waqt l-10 ijiem qabel id-data tat-tluq tal-annimal, mingħajr ma nstabet żieda fit-titru tal-antikorpi, u ġie ssoġġettat għal test RT-PCR (traskriptaži inversa u reazzjoni katina bil-polimeraži) għas-sejba tal-ġenomu tal-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, li sar fit-48 siegħa qabel ma ntbagħat, nhar il-……(*daħħal id-data*), u mill-mument li tteħidlu l-kampjun għat-test tal-RT-PCR sakemm tgħabba biex jintbagħat, kien protett minn attakki minn vetturi permezz tal-użu fuqu ta' repellenti tal-insetti u insettiċidi approvati flimkien, u permezz tad-diżinsettizzazzjoni tal-istalla u tal-mezz tat-trasport tiegħu;]]		
	(1)[II.3.3.	l-annimal huwa ekwin maskili mhux ikkastrat li għandu iżjed minn 180 jum, u		
	(1)*jew*	[intbagħat minn pajjiż fejn l-arterite virali ekwina (EVA) hija marda notifikabbli b'mod obbligatorju, u ma ġietx irrappurtata uffiċjalment fis-6 xhur qabel id-data tat-tluq tal-annimal;]]		
	(1)*inkella*	[ġie ttestjat għall-EVA fuq kampjun tad-demm li ttieħed waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-…… (*daħħal id-data*) permezz ta' test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]		

PAJJIŻ	**Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[1]*inkella* [ġie ttestjat għall-EVA fuq alikwota tas-semen kollu tiegħu li ttieħed waqt il-perjodu tal-21 jum qabel id-data tat-tluq, nhar il-…… (*daħħal id-data*) permezz ta' test ta' iżolament virali, b'reazzjoni katina bil-polimeraża (PCR) jew permezz ta' reazzjoni katina bil-polimeraża f'ħin reali, b'riżultat negattiv;]]

[1]*inkella* [tlaqqam kontra l-EVA nhar il-…… (*daħħal id-data*) taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, u tlaqqam mill-ġdid b'intervalli regolari skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur, b'tilqima approvata mill-awtorità kompetenti, u l-ewwel tilqima saritlu

[1]*jew* [qabel l-1 ta' Ottubru 2018, fil-jum meta tteħidlu kampjun tad-demm li mbagħad ġie ttestjat għall-EVA b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]]

[1]*inkella* [qabel l-1 ta' Ottubru 2018, waqt perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, li beda mill-jum meta tteħidlu kampjun tad-demm li waqt dak il-perjodu ta' iżolament ġie ttestjat għall-EVA b'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus li b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4 rritorna riżultat negattiv;]]]

[1]*inkella* [fl-età ta' bejn 180 jum u 270 jum, waqt perjodu ta' iżolament taħt sorveljanza veterinarja uffiċjali, meta l-annimal ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, b'riżultat negattiv, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jitnaqqsu, fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 10 ijiem bejniethom;]]]

[1]*inkella* [wara li l-annimal ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li rritorna riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel 7 ijiem wara li beda perjodu kontinwu ta' iżolament twil 21 jum wara t-tlaqqim;]]]

[1]*inkella* [fl-età ta' bejn 180 jum u 250 jum, wara li l-annimal ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, b'riżultat negattiv, jew li sar fl-istess jum mill-istess laboratorju b'titri stabbli jew li kienu qed jitnaqqsu, fuq żewġ kampjuni tad-demm li ttieħdu b'intervall ta' mill-inqas 14-il jum bejniethom;]]]

[1]*inkella* [ġie ssoġġettat għal test ta' iżolament tal-virus, għal reazzjoni katina bil-polimeraża (PCR) jew reazzjoni katina bil-polimeraża f'ħin reali li rritorna riżultat negattiv fuq alikwota tas-semen kollu tiegħu li nġabar wara d-data ta' meta kampjun tad-demm li tteħidlu nhar il-……(*daħħal id-data*) waqt il-perjodu tas-6 xhur qabel id-data tat-tluq ġie ttestjat għall-EVA b' test tan-newtralizzazzjoni tal-virus b'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas 1 f'kull 4 u rritorna riżultat pożittiv;]]

[1]*inkella* [kien ġie ttestjat qabel għall-antikorpi kontra l-virus tal-arterite virali ekwina u ta riżultat pożittiv, inkella kien tlaqqam kontra l-EVA u

a) fis-6 xhur ta' qabel ma ntbagħat tgħammar b'test, f'jumejn konsekuttivi, ma' mill-inqas żewġ debbiet li kienu nżammu fl-iżolament fis-7 ijiem eżatt qabel it-tgħammir b'test u baqgħu fl-iżolament għal mill-inqas 28 jum wara, u fil-ħin tat-tgħammir b'test u mill-inqas 28 jum wara, ġew issoġġettati għal żewġ testijiet seroloġiċi għall-EVA li taw riżultati negattivi b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4, u

b) ġie ssoġġettat għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus għall-EVA li twettaq fuq kampjun tad-demm li ttieħed fil-21 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat nhar il-…… (*daħħal id-data*),

[1]*jew* [b'riżultat pożittiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' mill-inqas 1 f'kull 4;]]]

[1]inkella [b'riżultat negattiv b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 4;]]]

[1]*jew* [II.3.4. l-annimal intbagħat mill-Iżlanda, li hija ċċertifikata li hi uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, fejn kien residenti dejjem minn twelidu u qatt ma ġie f'kuntatt ma' ekwidi li daħlu fl-Iżlanda minn pajjiżi oħra;]

[1]*inkella* [II.3.4. l-annimal ġie ssoġġettat b'riżultat negattiv għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) jew għal ELISA għall-anemija infettiva ekwina li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*), u li sar waqt il-perjodu tat-30 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[(1)][II.3.5. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B jew E, jew miċ-Ċina, jew mit-Tajlandja, jew minn pajjiż fejn ġie rrappurtat il-glanders fit-3 snin qabel id-data tat-tluq, u ġie ssoġġettat għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*), u dan sar waqt il-perjodu tat-30 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

[(1)][II.3.6. l-annimal huwa ekwin maskili mhux ikkastrat, jew ekwina mara ta' età ikbar minn 270 jum, li ntbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, E, jew F, jew miċ-Ċina jew mit-Tajlandja, jew minn pajjiż fejn ġiet irrappurtata d-durina waqt il-perjodu tas-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq, u ġie ssoġġettat għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għad-durina b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu ta' 30 jum qabel id-data tat-tluq u ma ntużax għat-tgħammir tul il-perjodu ta' mill-inqas 30 jum qabel u wara d-data meta ttieħed il-kampjun;]

[(1)(5)][II.3.7. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, u

[(1)]*jew* [ma ġewx irrappurtati uffiċjalment l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant fil-pajjiż minn fejn intbagħat għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]]

[(1)]*inkella* [l-annimal tlaqqam b'kors ewlieni sħiħ u tlaqqam mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur waqt is-sitt xhur, jew mill-inqas it-30 jum, qabel id-data tat-tluq b'tilqima inattivata, kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant. L-aħħar tilqima saret nhar il-…… (*daħħal id-data*);]]

[(1)]*inkella* [l-annimal inżamm għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq fi kwarantina protetta mill-vetturi u waqt dan iż-żmien ġie ssoġġettat għal testijiet tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant li twettqu mill-istess laboratorju

[(1)]*jew* [fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*) waqt il-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, b'riżultat negattiv;]]]

[(1)]*inkella* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' mill-inqas 21 jum bejn it-teħid, nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed fl-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, mingħajr ma nstabet żieda fit-titru tal-antikorpi;]]]]

[(1)][II.3.8. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat għall-Grupp Sanitarju G, jew minn pajjiż fejn l-enċefalite Ġappuniża ġiet irrappurtata b'mod uffiċjali fl-ekwidi f'dawn l-aħħar sentejn, u l-annimal

[(1)]*jew* [ġie minn impriża li tinsab fiċ-ċentru ta' żona b'radjus ta' mill-inqas 30km madwar l-azjenda fejn ma kienx hemm każijiet ta' enċefalite Ġappuniża mill-inqas fl-aħħar 21 jum qabel it-tluq;]]

[(1)]*inkella* [inżamm fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu, it-temperatura ta' ġismu, li tteħditlu kuljum, baqgħet fil-medda fiżjoloġika normali, u ġie ssoġġettat

[(1)]*jew* [għal test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalite Ġappuniża, li sar mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijet b'intervall ta' 14 jum bejn it-teħid nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed waqt il-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, mingħajr ma nstabet żieda ta' iktar minn erba' darbiet fit-titru tal-antikorpi bejn iż-żewġ kampjuni, u baqa' protett mill-insetti vetturi sakemm intbagħat;]]]

PAJJIŻ	Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni		
		II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

(1)*inkella* [għal test ELISA għall-qbid tal-Ig-M għas-sejba ta' antikorpi kontra l-virus tal-enċefalite Ġappuniża, li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel 7 ijiem wara li beda l-iżolament nhar il-……(*daħħal id-data*), u rritorna riżultat negattiv, u baqa' protett mill-insetti vetturi sa meta ntbagħat;]]]

(1)*inkella* [tlaqqam kontra l-enċefalite Ġappuniża b'kors sħiħ ewlieni u tlaqqam mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur waqt perjodu ta' mhux inqas minn 21 jum u mhux itwal minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq;]]

(1)(5)*jew* [II.3.9. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u ġie ssoġġettat għal test seroloġiku għall-marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, li twettaq mill-istess laboratorju fl-istess jum

(1)*jew* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall bejn it-teħid ta' bejn 21 u 30 jum, nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), u t-tieni wieħed ittieħed fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq

(1)*jew* [b'riżultat negattiv f'kull każ.]]]

(1)*inkella* [b'riżultat pożittiv mill-ewwel kampjun, u

(1)*jew* [it-tieni kampjun sussegwentement ġie ssoġġettat għal-test għall-identifikazzjoni tal-aġent kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, u rritorna riżultat negattiv;]]]]

(1)*inkella* [iż-żewġ kampjuni ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus kif deskritt fil-punt 2.4 tal-Kapitlu 2.5.1. tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u ma nstabitx żieda ta' aktar mid-doppju fit-titru tal-antikorpi;]]]]

(1)*inkella* [fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*) fil-perjodu tal-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq, u l-pajjiż jew parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat huma magħrufin uffiċjalment li huma ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali u

(1)*jew* [l-annimal huwa żiemel reġistrat kif iddefinit fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659;]]]

(1)*inkella* [il-pajjiż minn fejn intbagħat ma jmiss ma' ebda pajjiż fejn kien hemm xi okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel fl-aħħar sentejn ta' qabel id-data ta' meta ntbagħat;]]]

(1)(5)*jew* [II.3.9. l-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju F u

(1)*jew* [ġie ssoġġettat għal test seroloġiku għall-marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, li twettaq mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' bejn 21 u 30 jum bejn it-teħid, nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), fejn l-ewwel kampjun ittieħed mhux inqas minn 7 ijiem wara li l-annimal iddaħħal fil-kwarantina protetta mill-vetturi u t-tieni ttieħed waqt il-perjodu tal-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq,

(1)*jew* [b'riżultat negattiv f'kull każ;]]]

(1)*inkella* [b'riżultat pożittiv mill-ewwel kampjun, u

(1)*jew* [it-tieni kampjun sussegwentement ġie ssoġġettat għal-test għall-identifikazzjoni tal-aġent kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, u rritorna riżultat negattiv;]]]]

(1)*inkella* [iż-żewġ kampjuni ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus kif deskritt fil-punt 2.4 tal-Kapitlu 2.5.1. tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u ma nstabitx żieda ta' aktar mid-doppju fit-titru tal-antikorpi;]]]]

PAJJIŻ	**Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**	
	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[(1)]*inkella* [ġie ssoġġettat għal test seroloġiku u test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-……(*daħħal id-data*) mhux inqas minn 28 jum wara li ddaħħal fil-kwarantina protetta mill-vetturi u fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq, li f'kull każ irritorna riżultat negattiv;]]

[(1)]*inkella* [ġie ssoġġettat għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-marda Afrikana taż-żwiemel, kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, fuq kampjun tad-demm li ttieħed nhar il-…… (*daħħal id-data*) mhux inqas minn 14-il jum wara li ddaħħal fil-kwarantina reżistenti għall-vetturi u mhux iżjed minn 72 siegħa qabel it-tluq, u t-test irritorna riżultat negattiv;]]

II.4. *Attestat tal-kundizzjonijiet tat-trasport*

[(1)]*jew* [II.4.1. L-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju A, B, C, D, E jew G, u ġie ttrasportat direttament fl-Unjoni mingħajr ma jgħaddi minn suq jew minn ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) u mingħajr ma jiġi f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li ma jissodisfawx mill-inqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa.]

[(1)(5)]*jew* [II.4.1. L-annimal intbagħat minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż assenjat fil-Grupp Sanitarju F, u nġarr direttament mill-istazzjon tal-kwarantina protett mill-vetturi mingħajr ma ġie f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li ma kellhomx ċertifikat tas-saħħa, la għall-importazzjonijiet permanenti u lanqas għad-dħul temporanju fl-Unjoni

[(1)]*jew* [lejn l-ajruport f'kundizzjonijiet ta' protezzjoni mill-vetturi, u saru l-arranġamenti biex l-inġenju tal-ajru jitnaddaf u jiġi ddiżinfettat minn qabel b'diżinfettant li huwa awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz minn fejn intbagħat, u tbexxex kontra l-insetti vetturi eżatt qabel it-titjira.]]

[(1)]*inkella* [lejn port f'dak il-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż f'kundizzjonijiet ta' protezzjoni mill-vetturi u saru l-arranġamenti biex jinġarr fuq bastiment li huwa skedat biex imur direttament f'port fl-Unjoni mingħajr ma jidħol f'portijiet f'pajjiżi, jew f'parti mit-territorju ta' pajjiżi li mhumiex approvati għad-dħul ta' ekwidi fl-Unjoni, u nżamm fi stalel li tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel b'diżinfettant li huwa awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz minn fejn intbagħat, u li tbexxu kontra l-insetti vetturi eżatt qabel ma salpa l-bastiment.]]

II.4.2. Għal matul il-perjodu bejn iċ-ċertifikazzjoni u t-tluq lejn l-Unjoni, saru u ġew ivverifikati l-arranġamenti biex ma jkunx hemm kuntatt ma' ekwidi oħrajn li lanqas biss, għall-inqas, jikkonformaw mal-istess rekwiżiti tas-saħħa deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa.

II.4.3. Il-vetturi u l-kontejners tat-trasport li fihom se jinġarr l-annimal tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz minn fejn intbagħat, u huma mibnijin b'mod li waqt it-trasportazzjoni ma jistgħux joħorġu minnhom il-ħmieġ, l-urina, il-mifrex jew l-għalf tal-annimali.

II.5. *Attestat tat-trattament xieraq tal-annimali*

L-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28. ġie eżaminat illum[(2)] u nstab li hu f'saħħtu biżżejjed biex jinġarr fil-vjaġġ maħsub, u saru l-arranġamenti biex iħarsulu saħħtu u l-benesseri b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ.

Noti:

Parti I:

Kaxxa I.8.: Agħti l-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż li jidher fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

Kaxxa I.15.: Iridu jingħataw in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (bastiment). F'każ li jsiru ħatt u tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur irid jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE.

Kaxxa I.23.: Jenħtieġ li jiddaħħal in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn japplika).

PAJJIŻ **Importazzjoni - Żiemel reġistrat, annimal ekwin reġistrat jew annimal ekwin għat-tagħmir u l-produzzjoni**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Kaxxa I.28.: *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus, Equus asinus, Equus africanus, Equus hemionus, Equus kiang, Equus quagga, Equus zebra, Equus grevyi*, jew indika jekk hemm xi taħlita tagħhom.

Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

Parti II:

(1) Ħassar fejn ma japplikax.

(2) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-jum tat-tagħbija jew fil-każ ta' żiemel reġistrat fl-aħħar jum tax-xogħol qabel ma jitgħabba l-annimal biex jintbagħat fl-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.

L-importazzjoni ta' dan l-annimal ekwin ma għandhiex tiġi permessa jekk l-annimal ikun tgħabba qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' annimal ekwin reġistrat individwali jew ta' annimal ekwin għat-tgħammir u l-produzzjoni fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv li ssemma fil-punt II.1.1. jew minn parti mit-territorju tiegħu, jew jekk ikun tgħabba fi żmien meta l-Unjoni tkun adottat xi miżuri restrittivi kontra l-introduzzjoni ta' ekwidi minn dan il-pajjiż jew minn din il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat.

(3) Il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż u l-Grupp Sanitarju li jidher rispettivament fil-kolonni 3 u 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

(4) Ħassar id-dikjarazzjoni jekk il-punt II.1.3. tal-attestat japplika għall-pajjiż kollu minn fejn intbagħat l-annimal.

(5) Jistgħu jitħallew barra dikjarazzjonijiet marbuta kompletament u esklussivament ma' Grupp Sanitarju li mhuwiex dak tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal jew ta' parti mit-territorju tiegħu, dejjem jekk tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sossegwenti.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu:

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu l-annimali se jidħlu fit-territorju tal-Unjoni u se jkunu ssoġġettati għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jinġabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għad-dħul ta' annimal ekwin fl-Unjoni

Identifikazzjoni tal-annimal[1]

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess
……..	…….	…….	…….	……

Jien is-sottoskritt, sid[2] l-annimal deskritt hawn fuq, jew ir-rappreżentant[2] ta' sid l-annimal, b'dan niddikjara li:

- l-annimal
  - [2]*jew* [kien ilu fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat għal perjodu ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data ta' meta ntbagħat, jew minn twelidu, jekk l-annimal għandu inqas minn 90 jum;]
  - [2]*inkella* [daħal fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat tul il-perjodu ta' residenza meħtieġ ta' mill-inqas 90 jum qabel id-data tat-tluq minn Stat Membru tal-Unjoni;]
- matul il-15-il jum ta' qabel id-data tat-tluq, l-annimal ma ġiex f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar it-trasportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri tal-annimal jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;

L-isem u l-indirizz ta' sid[2] l-annimal jew tar-rappreżentant[2] tiegħu: ……

Data: ……(*jj/xx/ssss*)

……
(*Firma*)

[1] *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus, Equus asinus, Equus africanus, Equus hemionus, Equus kiang, Equus quagga, Equus zebra, Equus grevyi*, jew indika jekk hemm xi taħlita tagħhom.
Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.
Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.
Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).
Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

[2] Ħassar fejn ma japplikax.

It-taqsima B

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa u mudell tad-dikjarazzjoni għall-importazzjoni fl-Unjoni ta' konsenja ta' ekwidi domestiċi għall-qatla

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Speditur Isem Indirizz Nru tat-telefown		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Nru tat-telefown		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezzi ta' Trasport Ajruplan☐ Bastiment☐ Vagun tal-ferrovija☐ Vettura tat-triq☐ Mezz ieħor☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. Post ta' spezzjoni fil-fruntiera tad-dħul fl-UE	
		I.17. Nru/Nri tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-annimali		I.19. Kodiċi tal-prodott (kodiċi tas-Sistema Armonizzata) **01 01**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur		I.24.	
I.25. L-annimali huma ċċertifikati għal: Qatla ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	
I.28. Identifikazzjoni tal-annimali Speċi (Isem xjentifiku) / Sistema ta' identifikazzjoni / Numru tal-identifikazzjoni / Età Sess			

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Attestat tas-saħħa tal-annimali, tat-trattament xieraq tal-annimali u tas-saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika, li l-annimal deskritt fil-Kaxxa I.28.:

- huma ekwidi għall-qatla kif iddefinit fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2009/156/KE;
- ġew eżaminati llum[1] u nstab li huma ħielsa minn kull sinjal kliniku ta' mard u minn kull sinjal evidenti ta' infestazzjoni bl-ektoparassiti;
- mhumiex maħsubin biex jinqatlu skont programm nazzjonali ta' qerda ta' mard infettiv jew ta' mard kuntaġġuż;
- jissodisfaw il-kundizzjonijiet attestati fil-punti II.1. sa II.5. ta' dan iċ-ċertifikat;
- għandhom magħhom id-dikjarazzjoni bil-miktub iffirmata minn sid l-annimali jew mir-rappreżentant tiegħu.

II.1. *Attestat dwar il-pajjiż terz jew parti mit-territorju tal-pajjiż terz u dwar l-impriża minn fejn intbagħtu*

II.1.1. L-annimali intbagħatu minn …….. (*daħħal isem il-pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż*), pajjiż jew parti mit-territorju ta' pajjiż, li fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat għandu l-Kodiċi: ……[2] u ġew assenjati fil-Grupp Sanitarju ……[2];

II.1.2. fil-pajjiż minn fejn intbagħat il-mard elenkat hawn taħt huwa notifikabbli bil-liġi: il-marda Afrikana taż-żwiemel, id-durina (*Trypanosoma equiperdum*), il-glanders (*Burkholderia mallei*), l-enċefalomijelite ekwina (it-tipi kollha, inkluża l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela), l-anemija infettiva ekwina, l-istomatite vexxikulari, ir-rabja, l-antraċe;

II.1.3. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż

a) li huma meqjusa ħielsa mill-marda Afrikana taż-żwiemel, bi qbil mad-Direttiva 2009/156/KE u fejn ma kienx hemm evidenza klinika, seroloġika (fl-ekwidi mhux imlaqqma) jew epidemjoloġika tal-marda Afrikana taż-żwiemel tul is-sentejn ta' qabel id-data meta ntbagħat, u fejn ma sarx tilqim kontra din il-marda matul l-aħħar 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tiegħu;

b) fejn ma kienx hemm każi ta' enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

c) fejn ma kienx hemm każi ta' durina fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

d) fejn ma kienx hemm każi ta' glanders fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;

[3]*jew* [e) fejn ma kienx hemm każi ta' stomatite vexxikulari fis-6 xhur ta' qabel id-data tat-tluq tiegħu;]

[3]*inkella* [e) fejn kien hemm każi ta' stomatite vexxikulari waqt il-perjodu ta' 6 xhur qabel id-data meta ntbagħat, iżda kampjun tad-demm li ttieħed minn kull wieħed mill-annimali nhar il-…….(*daħħal id-data*) waqt il-perjodu ta' 21 jum qabel id-data tat-tluq, ġie ttestjat għall-antikorpi għall-virus tal-istomatite vexxikulari u rritorna riżultat negattiv

[3]*jew* [f'test tan-newtralizzazzjoni tal-virus f'dilwizzjoni ta' serum ta' 1 f'kull 32;]]

[3]*inkella* [f'ELISA skont il-Kapitlu rilevanti tal-Manwal tat-Testijiet Dijanostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali;]]

II.1.4. l-annimali ma ħarġux minn impriżi li kienu soġġetti għal xi ordni ta' projbizzjoni, u sa fejn naf jien, fiż-żminijiet imsemmijin fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. ma kienu f'kuntatt ma' ebda annimal minn impriża li kienet soġġetta għal ordni ta' projbizzjoni, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti II.1.4.1. sa II.1.4.7. u li ddum sa:

[4][II.1.4.1. fil-każ ta' ekwidi li jkun hemm suspett dwarhom li huma morda bid-durina,

[3]*jew* [6 xhur li jibdew mid-data tal-aħħar kuntatt reali jew possibbli ma' annimal li hemm suspett dwaru li ħa d-durina jew kien infettat bit-*Trypanosoma equiperdum*;]

[3]*u/jew* [fil-każ ta' żiemel tal-għalla, sakemm l-annimal jiġi kkastrat;]

[3]*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[(4)][II.1.4.2. fil-każ tal-glanders,

(3)*jew* [6 xhur mill-jum li fih inqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda jew li kienu ssoġġettati għal eżami għas-sejbien tal-patoġenu li jikkawża l-*Burkholderia mallei* u ħareġ riżultat pożittiv jew instabulhom l-antikorpi għal dak il-patoġenu, u nqerdu l-katavri tagħhom;]

(3)*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]]

II.1.4.3. fil-każ tal-enċefalomijelite ekwina ta' kwalunkwe tip,

(3)*jew* [6 xhur li bdew mill-jum meta nqatlu l-ekwidi li kienu jbatu minn din il-marda;]

(3)*u/jew* [6 xhur mill-jum meta jkunu mietu jew inħarġu mill-azjenda, jew irkupraw kompletament, l-ekwidi infettati bil-viruses li jikkawżaw id-deni tal-Punent tan-Nil, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Lvant, jew l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent;]

(3)*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.4. fil-każ tal-anemija infettiva ekwina, sad-data li fiha, wara li nqatlu l-annimali infettati, l-annimali ekwini li kien fadal fl-impriża wrew reazzjoni negattiva għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet b'intervall ta' 3 xhur bejn it-teħid;

II.1.4.5. fil-każ tal-istomatite vexxikulari,

(3)*jew* [6 xhur wara l-aħħar każ;]

(3)*u/jew* [30 jum wara d-data meta tlestew it-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini wara li nqatlu l-annimali kollha tal-ispeċijiet suxxettibbli;]

II.1.4.6. fil-każ tar-rabja, 30 jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-post;

II.1.4.7. fil-każ tal-antraċe, 15-il jum wara l-aħħar każ u wara d-data tat-tlestija tat-tindif u d-diżinfezzjoni tal-bini;

II.1.5. sa fejn naf jien, matul l-aħħar 15-il jum qabel id-data tat-tluq tal-annimali, dawn ma kinux f'kuntatt ma' ekwidi li kienu infettati, jew li kien hemm xi suspett li kienu infettati, b'xi marda infettiva jew kuntaġġuża.

II.2. *Attestat tar-residenza u tal-iżolament qabel l-esportazzjoni*

II.2.1. Fid-90 jum ta' qabel id-data tat-tluq, jew sa minn twelidhom, jekk għandhom inqas minn 90 jum, l-annimali kienu residenti fil-pajjiż jew f'parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu, f'impriżi li kienu taħt sorveljanza veterinarja, u ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiz li hu:

(3)*jew* [assenjat fil-Grupp Sanitarju A, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżammu separati minn ekwidi bi status tas-saħħa li ma kienx ekwivalenti għal tagħhom;]

(3)*inkella* [assenjat fil-Gruppi Sanitarji B, C, jew D, u mill-inqas matul il-perjodu tal-aħħar 30 jum qabel id-data tat-tluq inżammu fl-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni taħt sorveljanza veterinarja mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi bi status tas-saħħa li ma kienx ekwivalenti għal tagħhom;]

(3)*inkella* [assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u f'talanqas 40 jum qabel id-data tat-tluq inżammu fiċ-ċentru ta' iżolament approvat deskritt fil-Kaxxa I.11., protetti mill-insetti vetturi.]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

II.3. *Attestat tal-vaċċini u tat-testijiet tas-saħħa*

[(3)]*jew* [II.3.1. L-annimali ma tlaqqmux kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel fil-pajjiż minn fejn intbagħtu u ma teżistix informazzjoni li tagħti xi ħjiel li dan it-tip ta' tilqim kien sar qabel;]

[(3)]*inkella* [II.3.1. L-annimali tlaqqmu kontra l-marda Afrikana taż-żwiemel, u t-tilqima saritilhom aktar minn 12-il xahar qabel ma ntbagħtu;]

II.3.2. l-annimali ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fis-60 jum ta' qabel id-data ta' meta ntbagħtu minn

[(3)]*jew* [pajjiż li t-territorju kollu tiegħu ilu ħieles mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]

[(3)(5)]*jew* [parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, li ilha ħielsa mill-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela għal mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq tal-annimali, u fil-partijiet l-oħra tat-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu teżisti l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela, u

[(3)]*jew* [tlaqqmu kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'kors sħiħ ewlieni, u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur, mhux inqas minn 60 jum u mhux iktar minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq tagħhom, u nżammu fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu baqgħu f'saħħithom klinikament u t-temperatura ta' ġisimhom, li ttieħdet kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin li kien fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv;]]

[(3)]*inkella* [ma tlaqqmux kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela u nżammu fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq u tul dak il-perjodu baqgħu f'saħħithom klinikament, u t-temperatura ta' ġisimhom, li tteħditilhom kuljum, baqgħet dejjem fil-medda fiżjoloġika normali, u kull annimal ekwin fl-istess impriża li tteħditlu t-temperatura u wera żieda fit-temperatura tal-ġisem ġie ssoġġettat għal test tad-demm biex jiġi iżolat il-virus tal-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela b'riżultat negattiv, u l-annimali li kienu maħsubin biex jintbagħtu sarilhom test dijanjostiku għall-enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela fuq kampjun li tteħdilhom mhux inqas minn 14-il jum wara d-data li fiha ddaħħlu fil-kwarantina protetta mill-vetturi, b'riżultat negattiv, u baqgħu protetti mill-insetti vetturi sakemm intbagħtu;]]

[(3)(5)]*jew* [II.3.3. l-annimali ntbagħtu mill-Iżlanda, li hija ċċertifikata li hi uffiċjalment ħielsa mill-anemija infettiva ekwina, fejn kienu residenti dejjem minn twelidhom u qatt ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi li daħlu fl-Iżlanda minn pajjiżi oħra;]

[(3)]*inkella* [II.3.3. l-annimali ġew issoġġettati b'riżultat negattiv għal test ta' immunodiffużjoni bil-ġell agar (test AGID jew Coggins) jew għal ELISA għall-anemija infettiva ekwina li sar fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il-…… (*daħħal id-data*), u li sar waqt il-perjodu tal-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

[(3)][II.3.4. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, jew E, jew minn pajjiż fejn ġie rrappurtat il-glanders fit-3 snin ta' qabel id-data tat-tluq, u ġew issoġġettati għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għall-glanders b'riżultat negattiv li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il-…… (*daħħal id-data*), u dan sar fil-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

[(3)][II.3.5. l-annimali huma ekwini maskili mhux ikkastrati jew ekwini nisa, li għandhom iktar minn 270 jum u li ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju B, D, jew E, jew minn pajjiż fejn ġiet irrappurtata d-durina fis-sentejn ta' qabel id-data tat-tluq, u ġew issoġġettati għal test ta' fissazzjoni tal-komplement għad-durina b'riżultat negattiv, li sar b'dilwizzjoni tas-serum ta' 1 f'kull 5 fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu nhar il-…… (*daħħal id-data*), u dan sar fil-21 jum ta' qabel id-data tat-tluq;]

[(3)(5)][II.3.6. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju C jew D, u

[(3)]*jew* [ma ġewx irrappurtati uffiċjalment l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant fil-pajjiż, jew fil-parti mit-territorju tal-pajjiż, minn fejn intbagħtu għal perjodu ta' mill-inqas sentejn qabel id-data tat-tluq;]]

[(3)]*inkella* [l-annimali tlaqqmu b'kors ewlieni sħiħ u tlaqqmu mill-ġdid skont l-istruzzjonijiet tal-manifattur waqt is-sitt xhur, jew mill-inqas it-30 jum, qabel id-data tat-tluq b'tilqima inattivata, kontra l-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant. L-aħħar tilqima saret nhar il-…… (*daħħal id-data*);]]

[(3)]*inkella* [l-annimali nżammu għal mill-inqas 21 jum protetti mill-insetti vetturi, u f'dan il-perjodu ġew issoġġettati għal testijiet tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomijelite ekwina tal-Punent u tal-Lvant nhar il-…… (*daħħal id-data*) li saru

[(3)]*jew* [fuq kampjun tad-demm li ttieħed minn kull annimal fil-konsenja nhar il-…… (*daħħal id-data*) fil-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, b'riżultat negattiv f'kull każ;]]]

[(3)]*inkella* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet minn kull annimal fil-konsenja b'intervall bejn it-teħid ta' mill-inqas 21 jum, nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed fl-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, mingħajr ma nstabet żieda fit-titru tal-antikorpi;]]]

[(3)][II.3.7. l-annimali ntbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat għall-Grupp Sanitarju G, jew minn pajjiż fejn l-enċefalite Ġappuniża ġiet irrappurtata b'mod uffiċjali fl-ekwidi f'dawn l-aħħar sentejn, u l-annimali

[(3)]*jew* [ġew minn impriża li tinsab fiċ-ċentru ta' żona b'radjus ta' mill-inqas 30km madwar l-azjenda fejn ma kienx hemm każijiet ta' enċefalite Ġappuniża mill-inqas fl-aħħar 21 jum qabel it-tluq;]]

[(3)]*inkella* [inżammu fil-kwarantina protetta mill-vetturi għal perjodu ta' mill-inqas 21 jum qabel id-data tat-tluq, u matul dak il-perjodu, it-temperatura tal-ġisem ta' kull annimal, li ttieħdet kuljum, baqgħet fil-medda fiżjoloġika normali, u ġew issoġġettati

[(3)]*jew* [għal test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalite Ġappuniża, li sar mill-istess laboratorju fl-istess jum fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijet b'intervall ta' 14 jum bejn it-teħid nhar il-…… (*daħħal id-data*) u nhar il-…… (*daħħal id-data*), u t-tieni kampjun ittieħed waqt il-perjodu tal-10 ijiem ta' qabel id-data tat-tluq, mingħajr ma nstabet żieda ta' iktar minn erba' darbiet fit-titru tal-antikorpi bejn iż-żewġ kampjuni, u baqa' protett mill-insetti vetturi sakemm intbagħat;]]]

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

(3)*inkella* [għal test ELISA għall-qbid tal-Ig-M għas-sejba ta' antikorpi kontra l-virus tal-enċefalite Ġappuniża, li sar fuq kampjun tad-demm li ttieħed mhux qabel 7 ijiem wara li beda l-iżolament nhar il-..... (*daħħal id-data*), u rritorna riżultat negattiv, u baqa' protett mill-insetti vetturi sa meta ntbagħat;]]]

(3)*inkella* [tlaqqmu kontra l-enċefalite Ġappuniża b'kors sħiħ ewlieni u tlaqqmu mill-ġdid skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-manifattur waqt perjodu ta' mhux inqas minn 21 jum u mhux itwal minn 12-il xahar qabel id-data tat-tluq;]]

(3)(5)[II.3.8. L-annimali intbagħtu minn pajjiż jew minn parti mit-territorju ta' pajjiż li hu assenjat fil-Grupp Sanitarju E, u kienu ssoġġettati għal test seroloġiku għall-marda Afrikana taż-żwiemel kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, li twettaq mill-istess laboratorju fl-istess jum

(3)*jew* [fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu f'żewġ okkażjonijiet minn kull annimal b'intervall bejn it-teħid ta' bejn 21 u 30 jum, nhar il-..... (*daħħal id-data*) u nhar il-..... (*daħħal id-data*), u t-tieni wieħed ittieħed fl-aħħar 10 ijiem qabel id-data tat-tluq

(3)*jew* [b'riżultat negattiv f'kull każ.]]]

(3)*inkella* [b'riżultat pożittiv mill-ewwel kampjun, u

(3)*jew* [it-tieni kampjuni sussegwentement kienu ssoġġettati għal-test għall-identifikazzjoni tal-aġenti kif deskritt fl-Anness IV tad-Direttiva 2009/156/KE, u f'kull każ irritornaw riżultat negattiv;]]]]

(3)*inkella* [iż-żewġ kampjuni minn kull annimal ġew issoġġettati għal test tan-newtralizzazzjoni tal-virus kif deskritt fil-punt 2.4 tal-Kapitlu 2.5.1. tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u l-Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali, u ma nstabitx żieda ta' aktar mid-doppju fit-titru tal-antikorpi;]]]]

(3)*inkella* [b'riżultat negattiv f'kull każ fuq kampjun tad-demm li ttieħed mingħand kull wieħed mill-annimali li kien hemm fil-konsenja nhar il-..... (*daħħal id-data*), fl-10 ijiem ta' qabel id-data tad-dispaċċ, u l-pajjiż jew il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat huwa rikonoxxut li hu ħieles uffiċjalment mill-marda Afrikana taż-żwiemel mill-OIE, u ma jmiss ma ebda pajjiż fejn kien hemm xi okkorrenza tal-marda Afrikana taż-żwiemel fl-aħħar sentejn ta' qabel id-data ta' meta ntbagħat.]]

II.4. *Attestat tal-kundizzjonijiet tat-trasport*

(3)*jew* [II.4.1. Saru l-arranġamenti li mbagħad ġew ivverifikati biex ikun żgurat li l-annimali jinġarru direttament f'biċċerija fit-territorju tal-Unjoni, mingħajr ma jgħaddu minn suq jew minn ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE, u mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li mhumiex awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni.]

(3)*inkella* [II.4.1. Saru l-arranġamenti li mbagħad ġew ivverifikati, biex ikun żgurat li qabel ma jinġarru f'biċċerija fit-territorju tal-Unjoni, l-annimali jgħaddu minn suq jew minn ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE wieħed biss, li kien fl-istess Stat Membru, u minn fejn inġarru direttament fil-biċċerija mingħajr ma ġew f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn li mhumiex awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni.]

II.4.2. Għal matul il-perjodu bejn iċ-ċertifikazzjoni u t-tluq lejn l-Unjoni, saru u ġew ivverifikati l-arranġamenti biex ma jkunx hemm kuntatt ma' ekwidi oħrajn li lanqas biss, għall-inqas, jikkonformaw mal-istess rekwiżiti tas-saħħa deskritti f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa.

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

II.4.3. Il-vetturi u l-kontejners tat-trasport li fihom se jinġarru l-annimali tnaddfu u ġew iddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment fil-pajjiż terz minn fejn intbagħtu, u huma mibnijin b'mod li waqt it-trasportazzjoni ma jistgħux joħorġu minnhom il-ħmieġ, l-urina, il-mifrex jew l-għalf tal-annimali.

II.5. *Attestat tat-trattament xieraq tal-annimali*

L-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28. ġew eżaminati llum(1) u nstab li huma f'saħħithom biżżejjed biex jinġarru fil-vjaġġ maħsub, u saru l-arranġamenti biex jitħarsulhom saħħithom u l-benesseri b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ.

II.6. *Attestat għas-saħħa pubblika*

L-annimali deskritti fil-Kaxxa I.28. ma ngħataw ebda sustanzi stilbeni jew tirostatiċi, jew sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew beta-agonisti li ma kinux għal skopijiet terapewtiċi jew għal trattament żootekniku kif iddefinit fl-Artikolu 1(2)(b) u (c) tad-Direttiva 96/22/KE.

Huma ssodisfati l-garanziji fuq l-ekwidi ħajjin li jingħataw mill-pjan dwar ir-residwi ppreżentat u approvat bi qbil mal-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE.

Noti:

Parti I:

Kaxxa I.8.: Agħti l-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż li jidher fil-kolonna 3 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

Kaxxa I.15.: Iridu jingħataw in-numru tar-reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejners u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (bastiment) u informazzjoni oħra. Fil-każ ta' ħatt u t-tagħbija mill-ġdid, l-ispeditur irid jinforma lill-post ta' spezzjoni fil-fruntiera bid-dħul fl-Unjoni.

Kaxxa I.23.: Jenħtieġ li jiddaħħal in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (fejn japplika).

Kaxxa I.28.: *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: "*Equus caballus*", "*Equus asinus*" jew "*Equus caballus x Equus asinus*".

Is-sistema ta' identifikazzjoni: Kull annimal irid ikollu identifikatur individwali li jorbot lil dak l-annimal mad-dokument tal-identifikazzjoni. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.

Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).

Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

Parti II:

(1) Iċ-ċertifikat irid jinħareġ fil-jum tat-tagħbija tal-annimali biex jintbagħtu fl-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni.
L-importazzjoni ta' dawn l-annimali ekwini għall-qatla ma għandhiex tkun permessa jekk l-annimali jkunu tgħabbew qabel id-data tal-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni ta' ekwidi ħajjin għall-qatla fl-Unjoni mill-pajjiż rispettiv li ssemma fil-punt II.1.1. jew minn parti mit-territorju tiegħu, jew jekk ikunu tgħabbew fi żmien meta l-Unjoni tkun adottat xi miżuri restrittivi kontra d-dħul ta' ekwidi minn dan il-pajjiż jew minn din il-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħtu.

(2) Il-kodiċi tal-pajjiż jew tal-parti mit-territorju tal-pajjiż u l-Grupp Sanitarju li jidher rispettivament fil-kolonni 3 u 5 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659.

(3) Ħassar fejn ma japplikax.

(4) Ħassar id-dikjarazzjoni jekk il-punt II.1.3. tal-attestat japplika għall-pajjiż kollu minn fejn intbagħat l-annimal.

(5) Jistgħu jitħallew barra dikjarazzjonijiet marbuta kompletament u esklussivament ma' Grupp Sanitarju li mhuwiex dak tal-pajjiż minn fejn intbagħat l-annimal jew ta' parti mit-territorju tiegħu, dejjem jekk tinżamm in-numerazzjoni tad-dikjarazzjonijiet sossegwenti.

PAJJIŻ **Importazzjoni - Ekwidi għall-qtil**

	II.a. Numru ta' referenza taċ-Ċertifikat	II.b. Nru ta' referenza lokali

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu:

(a) jitfassal b'mill-inqas lingwa waħda li jifhimha l-uffiċjal li jiċċertifika u b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tad-destinazzjoni u tal-Istat Membru li minnu l-annimali se jidħlu fit-territorju tal-Unjoni u se jkunu ssoġġettati għal testijiet veterinarji fil-fruntiera;

(b) ikun magħmul għal destinatarju wieħed;

(c) ikun iffirmat u ttimbrat b'kulur differenti minn dak tal-istampar;

(d) ikun magħmul minn folja waħda biss, jew il-folji kollha meħtieġa jingħabru flimkien fi ktejjeb li ma jistax jinqasam, permezz li jiddaħħlu n-numri tal-paġni u l-għadd totali tal-paġni, u kull paġna fin-naħa ta' fuq għandu jkollha n-numru ta' referenza taċ-ċertifikat, u l-paġni kollha jkunu stejpiljati flimkien u ttimbrati.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

Dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tiegħu għad-dħul ta' konsenji ta' ekwidi ħajjin għall-qatla fl-Unjoni

Identifikazzjoni tal-annimali[1]

Speċi (Isem xjentifiku)	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru tal-identifikazzjoni	Età	Sess
……	……	……	……	……

Jien is-sottoskritt, sid[2] l-annimali jew ir-rappreżentant[2] ta' sid l-annimali deskritti hawn fuq, b'dan niddikjara li:

- l-annimali damu fil-pajjiż minn fejn intbagħtu jew f'parti mit-territorju ta' dan il-pajjiż għal mill-inqas 90 jum qabel id-data tat-tluq;
- għall-perjodu tal-aħħar 15-il jum ta' qabel id-data tat-tluq, l-annimali ma ġewx f'kuntatt ma' annimali li kellhom mard infettiv jew kuntaġġuż li jista' jiġi trażmess lill-ekwidi;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar ir-residenza u l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.2. taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- huma ssodisfati l-kundizzjonijiet dwar it-trasportazzjoni li japplikaw skont il-punt II.4. taċ-ċertifikat tas-saħħa li jakkompanja l-annimal, għall-pajjiż jew għall-parti mit-territorju tal-pajjiż minn fejn intbagħat;
- it-trasportazzjoni se ssir b'tali mod li s-saħħa u l-benesseri tal-annimal jistgħu jitħarsu b'mod effettiv f'kull stadju tal-vjaġġ;
- l-annimali se jintbagħtu
  - [2]*jew* [direttament mill-post minn fejn jintbagħtu għall-biċċerija tad-destinazzjoni mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi oħrajn bi status ta' saħħa differenti minn tagħhom;]
  - [2]*inkella* [mill-bini minn fejn intbagħtu għall-biċċerija tad-destinazzjoni se jgħaddu minn suq jew ċentru tar-raggruppar (marshalling or assembly centre) wieħed, imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2009/156/KE mingħajr ma jiġu f'kuntatt ma' ekwidi oħra li ma għandhomx l-istess status ta' saħħa bħal tagħhom;]

L-isem u l-indirizz ta' sid[2] l-annimal jew tar-rappreżentant[2] tiegħu: ……

Data: ……(*jj/xx/ssss*)

……
(*Firma*)

[1] *Speċi*: Agħżel minn fost dawn: *Equus caballus*, *Equus asinus*, jew indika xi taħlita tagħhom.
Is-sistema ta' identifikazzjoni: L-annimal irid ikollu fuqu identifikatur individwali li jippermetti li jiġi assoċjat mad-dokument ta' identifikazzjoni ddefinit fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/659. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (bħal ċomba tal-widna, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, transponder) u l-post anatomiku li ntuża fuq l-annimal.
Jekk l-annimal ikollu passaport, iridu jiddaħħlu n-numru tal-passaport u isem l-awtorità kompetenti li vvalidatu.
Età: Data tat-twelid (jj/xx/ssss).
Sess (M = maskil, F = femminil, C = kastrat).

[2] Ħassar fejn ma japplikax.

"